# IL- BIBBJA
# U
# L-MAGĦMUDIJA
# TAT-TRABI

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U L-MAGĦMUDIJA TAT-TRABI

## GĦANDNA AĦNA NGĦAMMDU LIT-TRABI TAGĦNA?

"*Resqu lejh xi għomja u zopop fit-tempju, u hu [Ġesù] fejjaqhom. Il-qassisin il-kbar u l-kittieba ma fel-ħux jissaportu meta raw l-egħġubi-jiet li kienu qegħdin isiru u lit-tfal fit-tempju jgħajtu u jgħidu, 'Hosan-na lil Bin David!' U qalulu: "Qiegħ-ed tisma'x'inhuma jgħidu dawn?" "Iva," qalilhom Ġesù; "qatt ma qraj-tu li 'minn fomm it-tfal **u t-trabi tal-ħalib** int hejjejt tifħir għalik'?" U ħalliehom hekk; ħareġ mill-belt, mar Betanja, u għadda l-lejl hemm-hekk*" (Mattew 21:14-17).

Ġesù kkwota minn Salm 8:2 (f'xi verżjonijiet Kattoliċi dan il-kliem jisnab f'Salm 8:3). "*Qatt ma qrajtu li 'minn fomm it-tfal **u t-trabi tal-ħalib** int hejjejt tifħir għalik'?*" Jiena naħseb li kieku Ġesù kellu jkun fuq l-art illum kien igħid l-istess kliem eżatt lil dawk kollha li jakkużaw lit-tfal u lit-trabi tal-ħalib bid-dnub jew li jitw-ieldu mħassra! "*Qatt ma qrajtu*" qalilhom Ġesù,

u llum jidher li dawk il-mexxejja reliġjużi li jgħammdu lit-trabi minħabba d-dnub oriġinali, kif igħidu huma, u dawk li jgħidu li t-trabi jit-wieldu mħassra dawn jidher li huma wkoll "**qatt maqraw**" la dak li ntqal minn David f'Salm 8 u lanqas dak li qal il-Mulej tagħna Ġesù Kristu li naqrawh f'Mattew 21:14-17!

Huma ħafna li qegħdin jinqabdu f'tagħlim falz ta' xi mexejja reliġjużi u minħabba f'hekk qegħdin iġibu l-Kelma tal-Mulej fix-xejn. Jid-her neċessarju, għalhekk, li hemm ħtieġa kbira biex neżaminaw dan is-suġġett fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Xi mistoq-sijiet li nixtieq nagħmel huma dawn: "Għandha din il-prattika oriġini tal-bniedem jew oriġini divina? Din jintqal li hija mwettqa fl-isem tal-Mulej iżda jawtorizzaha l-Mulej jew il-bnied-em? It-tarbija m'għandha l-ebda għażla f'din il-ħaġa imma għandhom il-ġenituri d-dritt li jpoġ-ġu dan il-madmad fuq għonq it-tarbija tagħhom li jibqa' fuqha sal-mewt? (Dejjem, jekk hija, meta tikber ma tagħrafx li tkun fl-iżball). Għa-ndu l-bniedem id-dritt li jakkuża tarbija inno-ċenti bid-dnub jew li hija mħassra mit-twelid? **Kif twieġeb il-Kelma ta' Alla għal dawn il-mistoqsijiet?** Meta l-appostli Pietru u Ġwanni kienu f'sitwazzjoni fejn kellhom jagħmlu għaz-

la lil min huma għandhom jobdu, l-Iskrittura tgħidilna hekk dwar dan:

> "*Imma Pietru u Ġwanni weġbuhom: 'Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla'*" (Atti 4:19).

Il-konklużjoni tagħhom kienet:

> "*Iżda Pietru, flimkien ma' l-appostli, wieġeb u qal: '**Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin'***" (Atti 5:29; enfasi tiegħi).

Qabel ma inti tibda taqra dan l-istudju, staqsi lilek innifsek: Lest/a jiena li "nobdi *aktar* lil Alla milli 'll-bnedmin?" Jekk inti lest/a, allura jiena ngħidlek biex tkompli taqra dan l-istudju, imma jekk inti m'intix lest/a, (dejjem jekk inti ssib li m'intix m'għammed *skond il-Kelma ta' Alla*) allura jiena naħseb li m'għandekx għalfejn taqrah!

Hemm biss *żewġ* awtoritajiet reliġjużi, dak li *jgħid Alla* u dak li *jgħidu l-mexxejja reliġjużi tad-dinja*. F'Mattew 15:4-5 nsibu dawn iż-żewġ awtoritajiet ikkwotati mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu:

> "*Għax* ***Alla qal****,…Imma* ***intom tgħidu*** *…*" (Enfasi tiegħi).

Li aħna lkoll irridu nagħmlu huwa sempliċi ħafna. Nagħmlu żewġ listi u f'waħda minnhom niktbu "**Alla qal**" u npoġġu dak kollu li aħna nemmnu u nipprattikaw u li *nistgħu* nikkwotawh mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u fil-lista l-oħra niktbu "**Intom tgħidu**" u npoġġu dak kollu li aħna nemmnu u nipprattikawh u li *ma nistgħux* nikkwotawh mill-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Forsi xi ħadd jistaqsi: "Imma kif nistgħu aħna nagħmlu dan?" It-tweġiba jagħtiha Alla Nnifsu fil-Kelma Tiegħu:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta'qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha,* ***u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu***" (Atti 17: 11).

Hekk aħna għandna nagħmlu wkoll, inqallbu l-Iskrittura biex naraw jekk dak li aħna smajna u li aħna konnha mgħallmin kienx minnu (skond il-Kelma ta' Alla) jew le.

L-Ispirtu s-Santu jwissina wkoll, permezz ta' l-appostlu ispirat:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Irridu aħna li jkollna "l-korla ta' Alla fuqna" għaliex inkunu qegħdin inħallu lil min iqarraq bina billi ma nkunux irrid nisimgħu? U permezz ta' l-appostlu Ġwanni jgħidilna:

> "*Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġej-ja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*" (1 Ġwanni 4:1, 2).

Dan wieħed jista' jagħmlu biss billi: "jqalleb fl-Iskrittura biex jara jekk dak li jisma' jkunx minnu jew le" (Atti 17:11). Issa ħalli nkomplu fuq is-suġġett tagħna. Jekk forsi xi ħadd igħidlek li huwa għandu l-awtorità li jfisser il-Bibbja Mqaddsa u għalhekk int għandek taċċetta l-interpretazzjoni tiegħu, isma' l-appostlu Pawlu, li kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu, xi jgħid:

> "*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem;* ***għarblu intom kull ma ngħid***" (1 Korintin 10:15).

Kemm hu differenti minn dak li jintqal illum! L-appostlu Pawlu ma qalx, "Ara jiena appostlu u intom għandkom tagħmlu u taċċettaw dak li ngħid jien. Le ma qalx hekk, imma jgħidilna biex *ngħarblu kollox*, ukoll dak li hu jgħid, aħseb u ara kemm għandna ngħarblu dak li jgħidu l-mexxejja reliġjużi tal-lum! Issa imsa' xi jgħid l-appostlu Pietru dwar dawk li jgħidu li għand-hom l-Awtorità li jintrerpretaw jew ifissru l-Bibbja Mqaddsa huma:

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu.* [21]*Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu*" (2 Pietru 1:20-21. Tajjeb hawn li taqra wkoll Galatin 1:6-9 li huma kkwotati f'paġna 11).

B'tarbija aħna nfissru li din hija żgħira ħafna fl-età biex tieħu deċiżjoni għaliha nfisha. Aħna hawn qegħdin nirreferu għall-magħmudija tat-tbexxix jew li tferragħ l-ilma fuq ir-ras ta' tar-

bija. Qabel ma Ġesù ħalla din id-dinja ta kummissjoni lil l-appostli Tiegħu fejn qalilhom:

> "*Morru, mela,* ***agħmlu dixxipli*** *mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu,* ***u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien***" (Mattew 28:19-20; enfasi tiegħi).

Fil-Vanġelu ta' Mark, naqraw hekk:

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.* ***Min jemmen*** *u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16: 16; enfasi tiegħi).

Hawn nixtieq nispjega fil-qosor kemm hawn tagħlim falz illum dwar dak li qal il-Mulej u kif mexxejja reliġjużi qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn! Ġesù ordna:

"*Min Jemmen U Jitgħammed Isalva…*"

Il-Knisja Kattolika Rumana tordna:

"*Min jitgħammed isalva u jemmen…*"

It-trabi ma jistgħux "jemmnu" għalhekk jgħammduhom biex ikunu salvi (skond huma) u mbagħad meta jikbru "jemmnu"! Imma dan mhu-

wiex dak li ordna l-Mulej tagħna! Int li qiegħed taqra dan, ma' min taqbel mal-Mulej jew mal-mexxejja reliġjużi tad-dinja?

Mexxejja reliġjużi oħra, jieħdu l-awtorità li hija ta' Kristu biss (Mattew 28:18) u jordnaw:

"*Min jemmen isalva u jitgħammed…*"

Dawn igħallmu dan it-tagħlim falz għaliex huma jemmnu li l-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni. Persuna ssalva meta hija temmen u mbagħad *wara* li tkun salva hija titgħammed! Imma dan lanqas ma huwa dak li ordna l-Mulej tagħna! Int li qiegħed taqra dan, ma' min taqbel mal-Mulej jew mal-mexxejja reliġjużi tad-dinja?

Ħalli nuri kemm huma żbaljati dawk il-mexxejja li jgħallmu dak it-tagħlim falz u li huma ħafna nies sinċiera li qegħdin jinqabdu fih, imma ma rridux ninsew it-twissija ta' Efesin 5:6!

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux.*"

Irridu aħna li jkollna "l-korla ta' Alla fuqna" għaliex inkunu qegħdin inħallu lil min iqarraq bina?

Issa, ħalli naraw kif l-ordni ċara ħafna u sempliċi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li naqrawha f'Mark 16:16, il-mexxejja reliġjużi taddinja ġabuha fix-xejn:

**Ġesù ordna**:

"(1) *Min (2) Jemmen U (3) Jitgħammed (4) Isalva…*" (1 – 2 – 3 – 4) – Mark 16:16.

Il-Knisja Kattolika Rumana tordna:

"(1) *Min (3) jitgħammed (4) isalva u (2) jemmen…*" (1 – 3 – 4 – 2)

Ħafna mid-denominazzjonijiet jordnaw:

"(1) *Min (2) jemmen (4) isalva u (3) jitgħammed…*" (1 – 2 – 4 – 3)

Issa, immaġina lin-numru tat-telefon tiegħi huwa, 21898270. Jekk inti ċċempel dak in-numru, *mingħajr ebda bdil*, il-vuċi *ta' min* int se tisma' fuq in-naħa l-oħra tal-linja? Ċertament li l-vuċi ta' George, jiġifieri, tiegħi! Imma jekk inti tibdel xi numru minnhom, eżempju, 21988270, tista' ddum iċċempel għal snin sħaħ għaliex int m'intix se tisma' l-vuċi tiegħi imma ta' xi ħadd ieħor, u t-tweġiba tkun, "numru ħażin." U jekk ikun in-numru l-ħażin int m'intix se tinqeda! Hekk ukoll in-numru spiritwali, jekk inti ċċempel in-numru **1234**, il-vuċi *ta' min* se tisma'

fuq in-naħa l-oħra tal-linja *spiritwali*? Ċertament tal-Mulej Ġesù Kristu. Imma jekk inti ċċempel 1342 jew 1243 int sejjer tisma' l-vuċi jew ta' ħaddieħor u mhux tal-Mulej għaliex tkun ċem-pilt in-numru l-ħażin u l-viċi li inti sejjer tisma' se tkun dik ta' Satana u mhux tal-Mulej! L-uniku mod biex int tisma' lill-Mulej huwa li ċċempel in-numru **1234**. Kemm jekk wieħed jaqbel u kemm jekk ma jaqbilx ma' dan, xejn mhu se jinbidel! In-numru tal-Mulej xorta se jibqa' **1234**. In-numru tal-Mulej ħadd ma jista' jbiddlu! Kull persuna reliġjuża tinsab f'waħda minn dawn il-kategoriji, jiġifieri, jew fil-kat-egorija **1234**, jew fil-kategorija 1342 jew fil-kategorija 1243. L-importanti, iżda, li tkun fil-kategorija **1234** għaliex dik biss issalvak! Dik biss twasslek għand is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu! Qiegħed tinduna "*Alla jgħid*" u "*intom tgħidu*"! Alla jgħid, **1234**, intom (il-bnedmin) tgħidu, 1342 u 1243. U lil min aħna jeħtieġ li nobdu aktar? (Ara Atti 5:29).

L-Ispirtu s-Santu qal, permezz ta' Luqa,

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom*" (Atti 2:38).

Magħmudija Skritturali dejjem tiġi wara *l-fidi u l-indiema*. Fil-magħmudija tat-trabi ma hemm xejn qabilha! Li tipprattika l-magħmudija qabel ma jkun hemm il-fidi u l-indiema huwa li **taqleb** l-Evanġelju tal-Mulej tagħna. L-istess ukoll li tipprattika salvazzjoni qabel il-magħmudija huwa wkoll li **taqleb** l-Evanġelju tal-Mulej tagħna. L-appostlu Pawlu jgħid bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu dan għal kull min jagħmel dan:

> "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sej-ħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma* ***hemm xi wħud*** *li qegħdin iħawdu-kom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħab-brilkom ħaġa oħra għajr dak li ġe rċevejtu, ikun misħut!*" (Galatin 1:6-9).

Forsi wieħed hawn jistaqsi, imma x'inhu l-Evanġelju li dwaru l-appostlu qiegħed jitkellem? It-Tweġiba nisbuha fl-ewwel Korintin 15:1-4,

> "*Ħuti, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ.* ***Bih intom salvi*** *bil-kelma li jien ħabbartilkom, kemm-il darba żżommuha,* ***jekk ma emmin-tux bl-addoċċ****. Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu* ***miet*** *minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura;* ***difn-uh*** *u* ***qam*** *mill-imwiet fit-tielet jum skond l-Iskrittura*" (enfasi tiegħi).

Mela, l-Evanġelju li l-appostlu ispirat qiegħed jitkellem dwaru huwa l-mewt, difna u l-qawmien ta' Kristu. L-appostlu qiegħed iwissina li jekk aħna nagħmlu xi tibdil inkunu misħutin, ukoll jekk anġlu mis-sema jipprova jagħmel dan ikun misħut! Dan qed tgħidu l-Kelma ta' Alla u mhux jien! Kull min jagħmel xi tibdil fil-Kelma ta' Alla, hu min hu, skond l-Ispirtu s-Santu, dak li jagħmel dak it-tibdil ikun misħut minn Alla, u dawk kollha li jaċċettaw dak it-tibdil u jħallu lil min iqarraq bihom ikollhom il-

korla ta' Alla nieżla fuqhom (Efesin 5:6). Lest int li tgħalaq għajnejk għal dawn it-twissijiet u tibqa' miexi skond il-bnedmin u mhux skond Alla? Għalhekk "*jeħtieġ li nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29). Lest int li twarrab it-tagħlim żbaljat tal-bnedmin u tobdi biss dak li jgħid Alla fil-Kelma Tiegħu?

Xi ħadd jista' jistaqsi, "X'għandha x'taqsam il-magħmudija ma' l-Evanġelju"? Iva, il-magħmudija għandha x'taqsam ħafna ma' l-Evanġelju. Il-Bibbja Mqaddsa tgħid hekk dwar il-magħmudija:

> "*Indfinna miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla*" (Kolossin 2: 12).

L-appostlu ispirat l-ewwel qal li aħna **indfinna** bil-magħmudija u wara aħna **irxuxtajna** permezz **tal-fidi** tagħna fil-qawwa ta' Alla. Dan juri definittivament, f'dan il-vers wieħed li l-magħmudija li hija pprattikata mhijiex magħmudija tat-trabi. Mela dan juri ċar li **l-fidi** hija importanti ħafna għaliex hu "*permezz tal-fidi fil-qawwa ta' Alla*" li aħna nkunu midfuna u irxuxtati fil-magħmudija u **tarbija ma jista' jkollha ebda fidi!**

Qabel inkomplu dwar jekk għandniex ngħammdu lit-trabi tagħna jew le huwa importanti li nifhmu x'inhi l-magħmudija Skritturali. Hija l-magħmudija tibxix jew immersjoni? Ma tistax tkun it-tnejn għaliex il-Kelma ta' Alla tgħidilna li hemm biss "*magħmudija **waħda***" (Efesin 4: 5). **Ġesù qal**,

> "***Lili** ngħatat l-awtorità **kollha** fis-sema **u fl-art**. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, **u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien**…*" (Mattew 28:18-20; enfasi tiegħi).

Minn dan naraw li Ġesù WAĦDU għandu l-awtorità KOLLHA fis-sema U FL-ART, u **ebda** bniedem, jew mexxej reliġjuż jew konċilju, eċċ., ma għandu jew għandhom xi awtorità biex ibiddel jew ibiddlu xi ħaġa waħda biss mill-Kelma ta' Alla! "*…U għallmuhom iħarsu dak kollu li **ordnajtilkom jien**.*" Meta xi ħadd igħa-llem li aħna għandna ngħammdu lit-trabi tagħ-na, ikun dan qiegħed igħallem *dak kollu li Ġesù ordna*? Jekk xi ħadd jipprova jwieġeb, iva, all-ura dan għandu jikkwota l-kapitlu u l-

vers jew versi fejn Ġesù ordna dan! Ġesù jgħidilna:

> "***Jekk*** *tħobbuni,* ***ħarsu*** *l-kmandamenti tiegħi…Min iżomm il-kmandamenti tiegħi* ***u jħarishom****, dak hu li jħobbni…Jekk xi ħadd iħobbni,* ***iħares*** *kelmti…Min ma jħobbnix* ***ma jħarisx*** *kliemi*" (Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; enfasi tiegħi).

Imma Ġesù qal ukoll, għal dawk li jgħidu li huma joħobbuh u jobduh, imma mhumiex lesti li jwarrbu t-tagħlim tal-bnedmin,

> "*Għaliex issejjħuli, 'Mulej,' u mbagħad* ***ma tagħmlux dak li ngħid jien****?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

Mela, staqsi lilek innifsek, int li qiegħed taqra dan l-istudju, "meta jiena tgħammidt, kont nemmen l-ewwel li Ġesù Hu l-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj, jew kien hemm *il-parrinu* jitkellem għalija?" Jekk it-tweġiba tiegħek hija li kien hemm il-parrinu jwieġeb għalik allura int m'intix tħares il-kmandament ta' Kristu imma tal-bnedmin! Il-Kmandament ta' Kristu huwa "*min jemmen u jitgħammed isalva*" u mhux "min jitgħammed u jwieġeb għalih il-parrinu jsalva" u skond Kristu nnifsu int mhux tassew tħobbu!

Hija sempliċi ħafna imma sfortunatament hija iebsa ħafna għal xi wħud li jwarrbu t-tagħlim żbaljat tal-bnedmin u jaċċettaw u jagħmlu dak li jgħidilhom il-Mulej! Huma jippreferu li jobdu lill-bnedmin milli lill-Mulej! Wieħed jista' jara dan fuqu nnifsu. Jekk int wieħed jew waħda li kont mgħammed bħala tarbija, kemm int lest li twarrab dak it-tagħlim falz? Hawn tinsab il-prova, jew il-Mulej jew il-mexxejja reliġjużi tiegħek!

**X'inhi l-Azzjoni** tal-magħmudija li hija tant pożittivament ordnata mill-Mulej tagħna, Ġesù Kristu? Hija *tibxix* jew li *tferrgħa* l-ilma fuq ir-ras jew *immersjoni*?

Il-kelma MAGĦMUDIJA ġejja mill-kelma Griega "*baptizo.*" Id-dizzjunarji KOLLHA tal-Grieg, ukoll dawk Kattoliċi, jiddefinixxu "*baptizo*" bħala li tfisser "*li tgħaddas, li tniżżel għal kollox fl-ilma, immersjoni.*" Il-magħmudija hija l-att speċifiku ta' immersjoni.

**Wieħed Jeħtieġ Biss** li jiċċekkja l-ħtiġijiet tal-Bibbja għall-magħmudija biex jara l-AZZJONI definita involuta.

## LIEMA JAQBEL MAL-BIBBJA?

MAGĦMUDIJA TAL-BIBBJA TEĦTIEĠ:

- Ilma—Atti 10:47

- Ħafna ilma—Ġwanni 3:32
- Tinżel fl-ilma—Mattew 3:16; Atti 8:38
- Titla' mill-ilma—Mattew 3:16; Atti 8:39
- Difna—Rumani 6:3, 4
- Qawmien, Rumani 6:5; Kolossin 2:12

Minn dawn kollha huwa l-ilma biss li hu meħtieġ għat-*tibxix* jew *li tferragħ* l-ilma, għal-hekk tibxix jew li tferragħ l-ilma **ma jaqblux** mad-deskrizzjoni biblika u mal-ħtiġijiet tal-magħmudija. It-tnejn huma mingħajr awtorità u approvazzjoni divina! L-hekk imsejħa "magħ-mudija tat-trabi" *letteralment* mhix magħmudija u lanqas *Skritturalment* ma hi magħmudija! Il-kelma Griega għal "tibxix" hija "*rantizo*" li hija kelma differenti għalkollox minn dik użata għall-magħmudija ordnata mill-Mulej.

L-ewwel każ imsemmi ta' tibxix għall-magħ-mudija kien fis-sena 241. L-ewwel liġi għat-tibxix kienet fis-sena 752. Dan kien magħmul minn papa li kellu jaħrab minn Ruma (Enċiklo-pedija Ta' Edinburgh, artiklu "*magħmudija*").

Imma jekk int, bħala Kattoliku Ruman, għad għandek xi dubju dwar x'inhi l-magħmudija u min għandu jitgħammed, isma' xi jgħid il-Kate-kiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana.

# L-MAGĦMUDIJA U L-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

Jiena sejjer nikkwota l-paġna u n-numru tal-kwotazzjoni mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. *Huwa importanti ħafna li int ikollok kopja tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'idejk waqt li tkun qiegħed taqra dan l-istudju ħalli tkun tista' tiċċekkja għal l-affari tiegħek dak li jiena nkun qiegħed nikkwota.* L-enfasi fis-skur hija dejjem tiegħi. L-enfasi fil-korsiv hija ta' l-awturi.

**Katekiżmu tal-Knisja Kattolika:**
**Paġna 164.**

“MIDFUNIN MA' KRISTU”

- **628** – Il-Magħmudija, **li s-sinjal sħiħ u oriġinali tagħha hi l-immersjoni** tfisser b'mod l-aktar effikaċi **l-inżul** fil-qabar flimkien ma' Kristu tan-nisrani, mejjet għad-dnub, lejn ħajja ġdida. “**Indfinna miegħu** fil-mewt **permezz tal-Magħmudij**a sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, **hekk aħna** ngħixu ħajja ġdida” (*Rum. 6:4; ara Kol. 2:12; Ef. 5:26*).

**Kummenti tiegħi**:

1. Qatt int kont taf "lis-sinjal sħiħ u oriġinali tal-magħmudija huwa **l-immersjoni**?
2. Issa li taf, se tagħmel?
3. Lest/a int li twarrab it-tagħlim falz tal-bnedmin u taċċetta u tagħmel it-tagħlim ordnat mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu?
4. Din hija l-ewwel prova għalik!
5. Ara li jmiss, jiġifieri, **1214**!

**Paġna 305**

- **1214** – Is-sagrament jissejjaħ *Magħmudija* miċ-ċerimonja ċentrali tar-rit li bih iseħħ: tgħammed ("baptizein" bil-Grieg, "baptizare" bil-Latin) tfisser "tgħaddas", "**iddaħħal fl-ilma**"; "**tgħaddas**" **fl-ilma** hu simbolu tad-dfin fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma **joħroġ** permezz tal-qaw-mien ma' Kristu (*ara Rum. 6:3-4; Kol. 2:12*) bħala "ħolqien ġdid" (*2 Kor. 5:17; Gal. 6:15*).

**Kummenti tiegħi**:

1. Dak li għadek kif qrajt dwar il-mod tal-magħmudija fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, jaqbel mal-mod li bih *int* kont mgħammed jew mgħammda?
2. Jekk le, għandek tiddeċiedi issa se tagħmel għaliex il-ħajja ta' dejjem tiegħek tinsab

f'periklu kbir! Xi wħud ma tantx jimpurtahom dwar dan, imma int x'tgħid?
3. Jista' jkun spjegat aktar ċar minn hekk?
4. U dan mhux minni, imma mill-Katekiżmu tal-Knisja li tagħha forsi int membru!
5. "*Għaliex tgħidli 'Mulej.' 'Mulej,'* ***u ma tagħmilx*** *li ngħid jien?*" jgħidlek Ġesù.
6. Il-mistoqsija li wieħed għandu jagħmel lilu nnifsu hija, "Lest jiena li nagħmel dak li jgħid il-Mulej jew le. Jekk le, ikun kollu għalxejn li ssejjaħlu "Mulej, Mulej"! (Ara Mattew 76:21-29; Luqa 6:46-49).
7. Hija d-dar tiegħek mibnija fuq il-blat jew fuq ir-ramel!

**Paġna 318**

- **1278** – Ir-rit essenzjali tal-Magħmudija hu li l-kandidat **għaliha jitniżżel taħt l-ilma jew li jissawwab l-ilma fuq rasu**, waqt li tissemma t-Trinità Qaddisa, jiġifieri l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

**Kummenti tiegħi:**

1. Taqbel int li l-mod tal-magħmudija huwa "immersjoni fl-ilma", li "tgħaddas fl-ilma", li "l-kandidat għaliha jitniżżel taħt l-ilma"?

a. Imma ara x'jiġri meta mal-Kelma pura ta' Alla jitħallat tagħlim ieħor tal-bniedem.
b. Jintqal: "**Jew li jissawwab l-ilma fuq rasu.**" Din mhix Skritturali u għalhekk mhix magħmudija u taqa' taħt il-kundanna tal-Mulej (ara Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 8-11; Apokalissi 22:18-19; Efesin 5:6)! Magħmudija hemm "waħda" biss u mhux tnejn (Efesin 4:5).
c. Erġa' ara **628, 1214** u **1262** u tkun taf eżatt x'inhi l-magħmudija
d. Issa Aqra Mark 7:8-9!
e. X'deċiżjoni lest int li tieħu issa li taf x'irid minnek il-Mulej?

2. **Ġwanni 3:23** – "*Ġwanni wkoll kien qiegħed igħammed f'Għajnun, qrib Salim,* ***għax f'dik in-naħa kien hemm ħafna ilma****; in-nies kienet tiġi biex titgħammed.*"

3. **Atti 8:35-39** – "*Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta ta' l-Iskrittura* ***jxandarlu l-Bxara t-Tajba ta' Ġesù****. Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post* ***fejn kien hemm l-ilma****. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?" Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru,* ***niżlu t-tnejn fl-ilma,***

***ħu u Filippu, u dan għammdu**. Malli **tel-għu mill-ilma**, L-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan.*"

4. **Atti 8:12** – "*Meta mbagħad emmnu l-Bxara t-Tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-Saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, **tgħammdu**, **kemm** **<u>l-irġiel</u> u kemm <u>in-nisa</u>**.*" Mhux trabi!

*Irġiel u nisa* u mhux trabi li ma setgħux jemm-nu u jindmu!

**Paġna 250**

- **1002** – Jekk hu veru li Kristu għad iqajjimna "fl-aħħar jum", **hu veru wkoll** li, b'ċertu mod, aħna **ġa** rxoxtajna ma' Kristu. Dan għaliex, bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, il-ħajja nisranija hi, sa minn din id-dinja, **tisħib fil-mewt u fil-qawmien** tal-Mulej għall-ħajja.

  > Indfintu ma' Kristu bil-Magħ-mudija, u bih ir-xoxtajtu **permezz tal-fidi tagħkom** fil-qawwa ta' Alla, li qajmu mill-imwiet … Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema fejn Kristu

qie-għed fuq il-lemin ta' Alla (*Kol. 2: 12:3:1*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Jekk int kont mgħammed jew mgħammda bħala tarbija kif tista' tgħid li "*indfint ma' Kristu bil-Magħmudija, u bih irxoxtajt*" jekk il-magħmudija tiegħek kienet tikkonsisti biss bi ftit qtar ta' ilma fuq rasek bħala tarbija?
   a. "Permezz tal-fidi tagħkom"!
   b. Ara **790, 977!**
   c. *Fejn tarbija jista' jkollha l-fidi?*
2. "**Jekk** intom irxuxtajtu ma' Kristu…" JEKK! Mela jekk int kont tarbija dan għad-hekk ma għamiltux u **jeħtieġ li tagħmlu biex issalva**!
3. Ara **1227, 1262**.

**Paġna 310**

- **1239** – …Il-Magħmudija tingħata **b'mod li jfisser ħafna, permezz ta' l-immersjoni**…
- **1240** – …il-katekumenu jiġi **mgħaddas fl-ilma u mtella' minnu**.

**Kummenti tiegħi:**

1. "**B'mod li jfisser ħafna**" u "**mgħaddas fl-ilma u mtella' minnu.**" Liema huwa

dan il-mod?– *Immersjoni*! Jiġifieri, li persuna tkun "mgħaddsa fl-ilma u mtella' minnu"! Dan aħna, bħala Kristjani tat-Test-ment il-Ġdid nemmnuh u nipprattikawh. Lest int li tgħamel dan?

2. Dan il-Katekiżmu tal-Knisja li inti membru tagħha qiegħed jgħidu mhux jien! Hija kustjoni ta' ħajja ta' dejjem jew kundanna ta' dejjem!
3. Qatt int kont "**mgħaddas fl-ilma u mtella' minnu**" bħala magħmudija? Jekk int ma tafx x'tgħid il-Bibbja, qabbel dan ma' dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa u għamel dak biss li jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dwar il-magħmudija, *li jkun jaqbel mat-tagħlim tal-Bibbja*!
4. Ara li jmiss, **1227**!

**Paġna 308**

- **1227** – Skond San Pawl permezz tal-Magħmudija **min jemmen** jissieħeb fil-mewt ta' Kristu, jindifen miegħu jirxoxta:

> "Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija, sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-im-

wiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida (*Rum. 6:3-4; ara Kol. 2: 12*).

**Kummenti tiegħi:**

1. "**Min jemmen**." Ċertament li ma japplikax għat-trabi!

**Paġna 315**

- **1262** – L-effetti diversi tal-Magħmudija huma mfissrin mill-elementi li jidhru fir-rit tas-sagrament. **L-inżul fl-ilma** jfakkar is-simboliżmu tal-mewt u tat-tisfija, u jfakkar ukoll it-twelid ġdid u t-tiġdid. Iż-żewġ effetti ewlenin mela **huma t-tisfija mid-dnubiet** u t-twelid ġdid fl-Ispirtu s-Santu (*ara Atti 2:38; Ġw. 3:5*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Minn dan wieħed jista' jifhem sewwa kemm il-magħmudija tat-trabi mhix Skritturali. **"L-inżul fl-ilma**" ma jeżistix allura ma hemm xejn xi jfakkar! **Iż-żewġ effetti ewlenin ma jeżistux fil-magħmudija tat-trabi allura la hemm tisfija mid-dnubiet u lanqas twelid ġdid fl-Ispirtu s-Santu!** Għalhekk, ma hemm ebda salvazzjoni!

**Paġna 206**

- **804** – Wieħed jingħaqad mal-Poplu ta' Alla **bil-fidi u bil-Magħmudija**….

**Kummenti tiegħi:**

1. Fejn japplika dan għat-trabi? Ebda **fidi** ma jista' jkollhom it-trabi! U ħadd ma jista' jwieġeb għalihom għaliex kull wieħed huwa responsabbli tiegħu nnifsu.
2. Aqra fil-Bibbja tiegħek Ġwann 5:28-29; Rumani 2:16; 2 Korintin 5:10. Kull persuna trid tagħti kont lil Alla tagħha nfisha u mhux xi ħaddieħor għaliha!
3. Ara li jmiss, 790, "min jemmen u jwieġeb"!

**Paġna 203**

- **790 – Min jemmen u jwieġeb għall-Kelma ta' Alla** jsir membru tal-Ġisem ta' Kristu: "F'dan il-Ġisem il-ħajja ta' Kristu tinxtered **f'dawk li jemmnu**, li, permezz tas-sagramenti, b'mod veru u misterjuż, jingħaqdu ma' Kristu jbati u gglorifikat." Dan hu veru b'mod partikulari għall-Magħmudija li biha aħna **ningħaqdu mal-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet** (*ara Rum. 6:4-5; 1 Kor. 12:13*), u…

**Kummenti tiegħi:**

1. Tista' tarbija **temmen u twieġeb għall-Kelma ta' Alla?** Wieġeb int lill-Mulej għaliex kien Hu li qal: "*Min jemmen u jitgħammed isalva*" u mhux jien!
2. Jekk għandek xi dubju, **ara 1257**, paġna 314!

**Paġna 352**

- **1427** – Ġesù jseħilna għall-indiema. Din is-sejħa hi parti essenzjali mit-tħabbira tas-Saltna: "Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet: **indmu u emmnu** fil-Bxara t-Tajba" (*Mk. 1:15*). Din l-istedina, fil-predikazzjoni tal-Knisja, **issir** l-ewwel lil dawk li **għad ma jafux** bi Kristu u l-Evangelju tiegħu. Il-Magħmudija mbagħad hi l-ewwel post, u l-post fundamentali tal-konverżjoni. **Hu permezz <u>tal-fidi</u> fil-Bxara t-Tajba** u permezz tal-Magħmudija (ara *Atti 2: 38*) li niċħdu l-ħażen u niksbu s-salvazzjoni, jiġifieri l-maħfra ta' dnubietna kollha u d-don tal-ħajja ġdida.

**Kummenti tiegħi:**

1. **Hu permezz <u>tal-fidi</u> fil-Bxara t-Tajba** u permezz tal-Magħmudija (ara *Atti 2:38*). Fejn tarbija jista' jkollha l-fidi?

2. Hemm biss żewġ awtoritajiet: “Alla jgħid” u “intom tgħidu” (Mattew 15:4, 5).
3. Liema waħda aħna għandna nobdu?

**Paġna 203**

- **791b** – …Fl-aħħarnett, l-għaqda tal-Ġisem mistiku ġġib rebħa sħiħa fuq il-firdiet kollha tal-bnedmin: “Intom, li intom mgħammdin fi Kristu lbistu ’l Kristu. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx **raġel** anqas **mara**, għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù” (*Gal 3:27-28*).

**Kummenti tiegħi:**

1. L-Iskrittura hija ċara ħafna: “*intom li intom mgħammdin…*”
2. “Intom,” min? It-trabi?
3. Jew dawk li għamlu skond ma naqraw f’numri: 628, 790, 1214, 1227, 1239, 1240, 1257, 1262, eċċ., tal-Kastekiżmu tal-Knisja Kattolika?

**Paġna 314**

- **1257** – **Il-Mulej innifsu jgħid** li l-Magħmudija **hi meħtieġa għas-salvazzjoni** (*ara Ġw. 3:5*). Hu kkmanda wkoll lid-dixxipli li jħabbru l-Evanġelju u jgħammdu lill-ġnus kollha (*ara Mt. 28:20*). Il-Magħmudija hi

meħtieġa għas-salvazzjoni **ta' dawk li lilhom tħabbar l-Evanġelju u setgħu jitolbu li jitgħammdu** (*ara Mk. 16:16*). **Il-Knisja *ma tafx* b'xi mezz ieħor barra l-Magħmudija *li jiżgura d-dħul fil-ħajja ta' dejjem***: għalhekk toqgħod attenta ħafna li ma tittraskurax il-missjoni li rċeviet minn għand il-Mulej li tagħti "twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu" **lil dawk kollha li jistgħu jitgħammdu**. Alla rabat is-salvazzjoni mas-sagrament tal-Magħmudija, iżda mhuwiex marbut bis-sagrament tiegħu.

**Kummenti Tiegħi:**

1. **Mela jekk persuna mhix mgħammda Skritturalment din mitlufa!** Dan **il-Mulej Innifsu jgħidu**! Huwa importanti jew le li inti titgħammed skond ma jikkmanda l-Mulej u mhux skond it-tagħlim falz tal-bnedmin? *Imma kemm int lest li tagħmel dan*?
2. "Ta' dawk li lilhom tħabbar l-Evanġelju u **setgħu jitolbu** li jitgħammdu (*ara Mk. 16: 16*). Tista' tarbija "titlob" li titgħammed?
3. Meta inti tgħammidt, *kont int li tlabt biex titgħammed* jew lanqas biss ma kont taf x'kien qiegħed jiġri!

4. Tinsiex x'jgħidilna l-Mulej: "*Għaliex issejjħuli, 'Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46). Lest/a int li tagħmel dak li jgħid il-Mulej jew trid li tib-qa' tagħmel dak li jgħid il-bniedem u jkol-lok il-kundanna tal-Mulej billi int b'hekk tkun qiegħdha tħalli lil min iqarraq bik? (Efesin 5:6).

**Paġna 310**

- **1236** – It-tħabbira tal-Kelma ta' Alla ddawwal lill-kandidati u lill-ġemgħa bid-dawl **tal-verità** u tqanqal **fihom tweġiba ta' fidi, li ma tistax tkun mifruda mill-Magħmudija**. Il-Magħmudija, b'mod partikulari, hi "**sagrament tal-fidi**" għax hi dħul sagramentali għall-ħajja ġdida.

**Kummenti tiegħi:**

1. Jekk il-**fidi ma tistax tkun mifruda mill-magħmudija** għaliex tgħammdu lit-trabi? Jekk il-magħmudija hi, "b'mod partikulari, **sagrament tal-fidi**" dan is-sagrament qiegħed jiġi applikat ħażin fuq it-trabi, għax ma jista' jkun hemm ebda fidi fit-tarbija!

**Paġna 308**

- **1226** – "Minn nhar Għid il-Ħamsin, il-Knisja tiċċelebra u tamministra l-

Magħmudija. San Pietru lill-folla, mqanqla mill-predikazzjoni tiegħu, qalilha: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu" (*Atti 2:38*). L-App-ostli u l-kollaboraturi tagħhom kienu jagħtu l-Magħmudija **lil kull min kien jemmen** fi Kristu: Lhud, **nies li kellhom il-biża' ta' Alla**, pagani (*Atti 2:41; 8:12-13; 10:48; 16: 15*). **Il-Magħmudija dehret dejjem marbu-ta mal-fidi**….

**Kummenti tiegħi:**

1. Illum, qegħdin il-qassisin Kattoliċi jagħtu "l-Magħmudija **lil kull min kien jemmen** fi Kristu"?
2. Illum, tidher il-magħmudija tal-Knisja Kat-tolika Rumana li hija "**dejjem marbuta mal-fidi**?"
3. Meta inti, li qiegħed taqra dan l-istudju, tgħammidt, kienet il-magħmudija tiegħek **marbuta mal-fidi tiegħek** jew marbuta mal-fidi ta' xi ħadd ieħor, eżempju, tal-par-rinu tiegħek jew tal-ġenituri tiegħek?
4. Il-parrinu għandu jagħti kont lil Alla tiegħu nnifsu u mhux tiegħek ukoll (2 Korintin 5:10).

5. Jekk il-magħmudija hija "**dejjem marbuta mal-fidi**" allura l-magħmudija tat-trabi QATT ma tista' tkun il-magħmudija li ordna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu!
6. Lest/a int li tobdi lill-Mulej, issa?

**Paġna 312**

- **1253** – Il-Magħmudija **hi sagrament tal-fidi** (*ara Mk. 16:16*). Iżda **l-fidi teħtieġ** komunità ta' nies li **jemmnu**.

**Kummenti tiegħi:**

1. Jista' "**sagrament tal-fidi**" jkun applikat għat-trabi li ma jistgħu bl-ebda mod ikoll-hom il-fidi?
2. Huma t-trabi "komunità ta' nies li **jemm-nu**?"
3. Il-Mulej qiegħed igħid lil dawk kollha li jistqarru li jħobbuh: "*Jekk tħobbuni, **ħarsu l-kmandamenti tiegħi***" (Ġwanni 14:15) u wieħed mill-kmandamenti tiegħu huwa li "*temmen u titgħammed*" (Mark 16:16).
4. Tħobbu int lill-Mulej? Uri dan billi tobdih!
5. Jew lest li tkompli tgħidlu "Mulej, Mulej" u mhux lest li tagħmel dak li jgħid Hu!

Issa ħalli naraw xi jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u x'tgħid l-Iskrittura Mqaddsa dwar it-trabi.

**Paġna 312**

- **1250** – It-trabi, **għax jitwieldu b'natura mħassra u midruba mid-dnub tan-nisel**, jeħtieġu huma wkoll twelid ġdid fil-Magħmudija, biex jinħelsu mis-setgħa tad-dlamijiet u jgħaddu għas-saltna tal-ħelsien ta' **wlied Alla** (**ara Kol. 2:12-14**) li għaliha huma msejħin il-bnedmin kollha. Fil-Magħmudija **tat-trabi** jidher b'mod tassew ċar li l-grazzja tas-salvazzjoni tingħata kollha kemm hi b'xejn. Il-Knisja u l-ġenituri jkunu jċaħħ-du lit-tarbija tagħhom mill-grazzja kbira li tkun iben Alla jekk ma jgħammduhiex ftit wara li titwieled.

**Kummenti tiegħi:**

1. Qabel ma nikkummenta, aqra mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, **1868** u **1871**, paġna 449, u ara tistax tapplikahom għat-trabi!
2. Kif jistgħu t-trabi "**jitwieldu mill-ġdid**" permezz tal-magħmudija jekk il-magħmudija hija "**sagrament tal-fidi**?" (ara 1236, 1253).
3. Fejn jintqal fil-Bibbja Mqaddsa lit-trabi jitwield b'natura mħassra u midruba mid-dnub tan-nisel?
4. Għal kuntrarju, l-Iskrittura Mqaddsa tgħid:

5. **1 Ġwanni 3:4** – "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi;* ***għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi***." Tarbija ma tista' tikser ebda liġi, għalhekk, m'għandha ebda dnub!
6. **Luqa 18:15-17** – "*Ġibulu wkoll quddiemu* ***t-trabi*** *biex imisshom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajtu magħhom. Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Ħalluhom* ***lit-tfal iż-żgħar*** *jiġu għandi, u żżomuhomx****, għax ta' min u bħalhom*** *hija s-Saltna ta' Alla.* ***Tassew, ngħidilkom****, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex* ***b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha***."
7. Minflok mal-kbar, li huma midinbin, isiru bħat-tfal iż-żgħar, li huma safja, kif ordna l-Mulej, il-Kattoliċi Rumani qegħdin iġibu lit-tfal iż-żgħar, li huma safja, bħal kbar, midinbin! Jiena ċert li l-Mulej jibki meta jara dawn il-ħwejjeġ isiru minn dawk li jistqarru li jħobbuh! (Imma ara Ġwanni 14: 15, 21, 23, 24; Mattew 7:21-23).
8. **Eżekjel 18:20** – "*Il-bniedem li jidneb,* ***hu*** *għandu jmut;* ***l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru****, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid;*

*u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*”

9. Biex wieħed jara aktar il-qerq dwar dan is-suġġett, tajjeb li jaqra **1261** (p. 314) fejn **nofs** il-vers biss ta’ Mark 10:14 hu kkwotat minħabba li dan iwaqqa’ t-tagħlim falz tal-magħmudija tat-trabi. B’hekk inħoloq ta-għlim falz ieħor, jiġifieri, lit-trabi li jmutu mingħajr il-magħmudija Alla ħalliena fil-agħma u ma nafux xi jsir minnhom. Iżda, t-tieni parti li tgħid, “*għax ta’ min hu bħal-hom hija s-saltna ta’ Alla*” tgħidilna bl-aktar mod ċar lit-trabi jinsabu FIS-SAL-TNA TA’ ALLA, għalhekk huma salvi!
10. Il-mistoqsija hija din: **Skond Ġesù, aħna rridu nsiru bħat-trabi jew it-trabi għan-dna nġibuhom bħalna, jiġifieri, midin-bin?** Wieġeb int. (Għal tweġiba ara Luqa 18:15-17). Skond it-tagħlim tal-Knisja Kat-tolika Rumana, *it-trabi jsiru bħalna, l-adul-ti, jiġifieri, midinbin!* Imma skond Ġesù mhux hekk! Isma’ lil Ġesù jagħti t-twe-ġiba: “*Tassew, ngħidilkom, li min is-Saltna ta’ Alla ma jilqagħhiex b’qalb ta’ tifel ċkej-ken ma jidħolx fiha*” (Mark 10:14). Kemm hu sabiħ il-kliem tal-Mulej!

11. Li kieku l-Kattoliċi Rumani jifhmu sewwa dak li jgħid il-Mulej dwar it-trabi kieku dak li huma kitbu f'paġna 318, numru 1283 ma kienx ikun hemm il-bżonn li jiktbuh! Aħna m'għandniex nitolbu għas-salvazzjoni tat-trabi imma għas-salvazzjoni tagħna l-kbar!
12. Ġesù qal: "**Tassew, ngħidilkom**…" imma l-Kattoliċi (u xi oħrajn), igiddbuh għaliex jgħidu lit-trabi jitwieldu b'natura mħassra u midruba mid-dnub tan-nisel t-"*tassew ngħidilkom*" ma jiswa xejn għalihom! (**ara 1250**, p. 312).
13. Ċertament li Ġesù ma qalx li aħna għandna nilqgħu s-Saltna ta' Alla "*b'qalb imħassra u midruba mid-dnub*," imma jekk tarbija hija mħassra u bid-dnub hekk jiġi li qal Ġesù! Temmnu dan int?
14. **Ara 1745** (28); **998** (39).
15. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk: **2 Korintin 5: 10** – "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli* ***kulħadd*** *jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel* ***meta kien għadu ħaj fil-ġisem***." X'ħażin setgħet **għamlet** tarbija tat-twelid?

16. **Rumani 2:2, 6** – "*Imma aħna nafu li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn, Alla jagħmel ħaqq minnhom* ***skond il-verità****…. meta Alla għad jirrivela l-****ġudizzju rett tiegħu; u jħallas lil kulħadd skond ma jkun għamel****.*"
17. Tassew li dawk li qegħdin jakkużaw tarbija bid-dnub għad iridu jagħtu kont ta' dan lil Alla!

**Paġna 312**

- **1251** – Il-ġenituri **għandhom ikunu jafu li din id-drawwa** taqbel ħafna mad-dmir tagħhom li jieħdu ħsieb il-ħajja li Alla jafdalhom.

**Kummenti tiegħi:**

1. Il-Kelma ta' Alla ma taċċetta *ebda drawwa*!
2. Drawwiet dejjem huma kkundannati fil-Kelma ta' Alla.
3. Aħna m'għandniex immorru iktar milli hemm miktub (1 Korintin 4:6).

**Paġna 312**

- **1252** – **Id-drawwa** tal-Magħmudija tat-trabi hi **drawwa** ġejja mill-imgħoddi mbiegħed tal-Knisja…

**Kummenti tiegħi:**

1. *Drawwa jew drawwiet ma jistgħux isalvaw bl-ebda mod*!
2. "Ġejja mill-imgħoddi mbiegħed tal-Knisja" imma mhux mill-Kelma ta' Alla, mhux mit-tagħlim ta' l-appostli (Atti 2:42).
3. **Ara 107, p. 44**. Nemmnu li l-Ispirtu s-Santu ispira l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa *biex "jgħallmu b'mod żgur, bil-fedeltà u bla żball il-veritajiet* li Alla ried jitniżżlu fil-Kotba Mqaddsa **għas-salvazzjoni tagħna**"?
4. Fejn insibu **d-drawwa tal-magħmudija tat-trabi** fil-Kotba Mqaddsa? IMKIEN!
5. **Ara 66**, paġna 36 – …u m'għandniex nistennew ebda rivelazzjoni pubblika ġdida f'dan iż-żmien ….**ir-Rivelazzjoni ntemmet**…
6. Id-**drawwa** hija "rivelazzjoni ġdida" għaliex *mhix fil-Kelma ta' Alla*!

**Paġna 425**

- **1734** – Il-libertà tagħmel il-bniedem *responsabbli* ta' għemilu skond kemm ikun volontarju…

**Kummenti tiegħi:**

1. Tista' tarbija tat-twelid tkun "**responsabbli**"?

2. Imma aħna lkoll irridu nagħtu kont lil Alla ta' dak kollu li għamilna waqt li aħna konnha ħajjin hawn fil-ġisem (ara 2 Korintin 5:10).

**Paġna 425**

- **1735** – Il-ħtija u r-responsabbiltà ta' xi għemil jistgħu jonqsu jew jispiċċaw għal kollox **minħabba l-injoranza**, in-nuqqas ta' attenzjoni, il-vjolenza, il-biża', **id-drawwiet**, ir-rabtiet ta' mħabba bla rażan, u fatturi oħra psikiċi jew soċjali.

**Kummenti tiegħi:**

1. La l-magħmudija tat-trabi hija "**drawwa**" skond il-Katekiżmu Kattoliku (ara **1251, 1252**), "**il-ħtija u r-responsabbiltà**" (li fit-trabi ċertament ma jeżistux, imma xorta huma akkużati bid-dnub) **dawn "jispiċċaw għalkollox minħabba l-injoranza** (jiġifieri, għaliex it-trabi ma jafux), u minħabba "**d-drawwa**." Drawwiet ma jistgħux isalvaw, Kristu waħdu jsalva!

**Paġna 385**

- **1457** – Skond il-preċett tal-Knisja "kull nisrani **li jasal għall-età tar-raġuni** għandu jqerr almenu darba fis-sena, id-dnubiet mejta kollha li jaf bihom".[260]

**Kummenti tiegħi:**

1. Għaliex fil-każ tal-qrar "kull nisrani li **jasal għall-età tar-raġuni** għandu jqerr" u fil-każ tal-magħmudija m'għandux għal-fejn **jasal għall-età tar-raġuni**, meta Ġesù qal ċar u tond li "**min jemmen** u jitgħammed isalva" (Mark 16:16)? Tista' tarbija **temmen** u mbagħad titgħammed?
2. Dan jintqal fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika stess, **paġna 60, 183:** *Il-fidi hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Il-Mulej stess jgħid dan: "Min jemmen u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat"* (*Mark 16:16*).
3. Huwa t-tagħlim żbaljat tal-bnedmin aktar importanti mit-tagħlim tal-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu? Għal xi wħud hekk hu, għaliex huma mhumiex lesti li jwarrbuh j jobdu lill-Mulej!

**Paġna 427**

- **1743** – "Alla ħalla f'idejn il-bniedem ir-rieda tiegħu" (*Sir. 15:14*)**,** biex ikun jista' jintrabat **minn rajh** mal-Ħallieq u hekk jasal għall-perfezzjoni hienja.[30]

**Kummenti tiegħi:**

1. Nistgħu dan napplikawh għat-trabi? Jekk tarbija tmut mingħjar magħmudija din se

tmut bid-dnub tan-nisel u dan ifisser li ma tistax tmur fejn jinsab Alla għaliex fil-Belt "**ma tidħol fiha ebda ħaġa mniġġsa**..." (Apokalissi 21:27).

2. Skond **978** (38) id-dnub tan-nisel huwa **tinġis**. Mela jekk tarbija tmut mingħajr il-magħmudija tal-Knisja Kattolika Rumana din tmur l-infern għalliex hija mniġġsa bid-dnub!
3. Ikun dan skond dak li jintqal f'numru **1743**, jiġifieri, li "Alla ħalla f'idejn il-bniedem ir-rieda tiegħu" "biex ikun jista' jintrabat **minn rajh** mal-Ħallieq"?
4. Fejn tarbija tista' tintrabat **minn rajha** mal-Ħallieq?

**Paġna 427**

- **1744** – Il-libertà hi s-setgħa li biha wieħed **jagħmel xi ħaġa jew ma jagħmilhiex**, **u dan minn rajh**. Il-libertà tilħaq il-perfezzjoni ta' dak li tagħmel, meta tagħmlu għal Alla, li hu l-ogħla ġid tal-bniedem.

**Kummenti tiegħi:**

1. Huwa d-dnub tan-nisel **setgħa** fit-trabi li huma għamlu xi ħaġa (f'dan il-każ, id-dnub), **u dan għamluh minn rajhom**?

2. Fejn hija “l-libertà” fil-każ tat-trabi? U liema **setgħa** jista’ jkollhom it-trabi?

**Paġna 427**

- **1745 – Kull għemil proprju tal-bniedem hu ħieles**. Il-libertà tagħmel bniedem **responsabbli** ta’ l-għemil kollu li jagħmel **għax ikun iridu**. **L-għemil, il-bniedem jiddeċiedi li jagħmel liberament, <u>hu kollu kemm hu tiegħu</u>**.

**Kummenti tiegħi:**

1. Huwa *d-dnub tan-nisel* **għemil proprju ħieles tat-trabi**? (Iva jew Le)? Id-dnub tan-nisel tarbija għamlitu **għax riditu hi**? (Iva jew Le)? Jekk le, mela għaliex huma akkużati bid-dnub? X’għemil għamlet it-tarbija li **ddeċidiet hi li tagħmel** u li hu **kollu kemm hu tagħha**? (Dnub tan-nisel jew ebda għemil)?
2. Wieġeb int bis-sinċerità kollha għal dawn il-mistoqsijiet.

**Paġna 61**

- **184 – Il-Kredu** – …Nistqarr **magħmudija waħda** għall-maħfra tad-dnubiet…

**Kummenti tiegħi:**

1. Liema hija l-**magħmudija waħda**? Dik għall-maħfra **tad-dnubiet** jew dik għall-maħfra **tad-dnub** tan-nisel?
2. Liema hija **l-magħmudija waħda**, dik li ssir bl-**immersjoni** (*baptizo*) jew dik bi ftit qtar ta' l-ilma fuq ras it-tarbija (*rantizo*)?
3. Liema hija **l-magħmudija waħda**, dik ta' "***min jemmen** u jitgħammed isalva*" jew dik tat-trabi li ma jistgħux jemmnu?
4. Għal tweġiba eżatta ara: Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, **628**, **1002**, **1214**, **1227**, **1239**, **1240**, **1262**.
5. Hija **l-magħmudija waħda** dik li hija **dra-wwa**, jiġifieri tat-trabi, jew dik li hija **ord-nata** mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu, jiġifieri dik ta' "**min jemmen u jitgħam-med"**?
6. Tweġiba tinsab fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: Ara u aqra **183**, **1257**, **1236**, eċċ.
7. Qiegħed tara kemm int kont imħolli fid-dlam u f'liema periklu tinsab li titlef il-ħajja ta' dejjem? (Ara Efesin 5:6; Kolossin 2:8).
8. Aqra **Lhud 5:9; 4:7**.
9. Issa aqra **Atti 4:19; 5:29**.

**Paġna 420**

- **1709** – **Min jemmen** fi Kristu jsir **iben** Alla….

**Kummenti tiegħi:**

1. Tista' tarbija temmen? Hemm żewġ konklużjonijiet: jew tarbija ma tistax tkun iben jew bint Alla billi ma tistax temmen, jew inkella hija salva u mingħajr ebda dnub, kif fil-fatt iddeskriviha Ġesù Nnifsu f'Mark 10:14.
2. Għalhekk Kristu qal: "Min **jemmen u jitgħammed** isalva" (Mark 16:16).

**Paġna 315**

- **1265** – Il-Magħmudija ma tnaddafniex biss mid-dnubiet kollha, imma **lin-neofita**, tagħmlu "ħolqien ġdid" (*2 Kor. 5:17*), **iben adottiv ta' Alla** (*ara Gal. 4:5-7*), u "msieħeb fin-natura ta' Alla" (*2 Piet. 1:4*), membru ta' Kristu (*ara 1 Kor. 6:15; 12:27*) u werriet flimkien ma' Kristu (*ara Rum. 8:17*), tempju ta' l-Ispirtu s-Santu (*ara 1 Kor. 6:19*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Japplika dan għat-trabi tat-twelid? Tarbija ma tistax tkun "**neofita**" (persuna li ma tkunx ilha li saret Kristjana). Aqra l-Iskritturi msemmija fuq u ara tistax tapplika xi waħda għat-trabi!

**Paġna 60**

- **183 – Il-fidi hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Il-Mulej stess jgħid dan**: "Min **jemmen** u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat" (*Mk. 16:16*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Dan għandu jkun biżżejjed biex iwaqqa' t-tagħlim żbaljat tad-dnub tan-nisel. Dan qie-għed jgħidu l-Katekiżmu Kattoliku!
2. **Ara 1226 u 1227**, paġna 308.
3. Temmnu dan int?

**Paġna 245**

- **977** – Il-Mulej jorbot **il-maħfra tad-dnubiet mal-fidi u l-Magħmudija**. "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. Min **jemmen u jitgħammed** isalva" (*Mk. 16:15-16*). Il-Magħmudija hi l-ewwel sagrament u s-sagrament prinċipali **għall-maħfra tad-dnubiet** għax tgħaqqadna ma' Kristu "li miet għal dnubietna u rxoxta għall-ġustifikazzjoni tagħna" (*ara Rum. 4:25*) "biex aħna ukoll ngħixu ħajja ġdida" (*Rum. 6:4*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Meta int kont mgħammed, *kellek fidi jew kont tarbija*? Jekk le, allura obdi lil Ġesù u

warrab it-tagħlim falz tal-bnedmin. (*Aqra Atti 4:19; 5:29*).

2. Ftakar li "l-Mulej **jorbot** il-maħfra tad-dnubiet **mal-fidi u l-magħmudija**" imma l-bnedmin *jifirdu* "l-fidi mill-magħmudija" billi jgħammdu lit-trabi *mingħajr fidi*!

**Paġna 314**

- **1261** – Dwar it-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija, il-Knisja **ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tafdahom lill-ħniena ta' Alla**, kif tagħmel fir-rit tal-funerali tagħhom. Il-ħniena kbira ta' Alla li jrid lill-bnedmin kollha jsalvaw (*ara 1 Tim. 2:4*) u l-ħlewwa ta' Ġesù mat-tfal żgħar, li ġegħlitu jgħid: "*Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi: iżżommuhomx*" (*Mk. 10:14*), iġegħluna nittamaw li hemm ukoll triq għas-salvazzjoni tat-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija. Wisq aktar hi importanti l-istedina tal-Knisja **biex it-trabi ma jinżammux li jmorru għand Ġesù** per-mezz tad-don tal-Magħmudija.

**Kummenti tiegħi:**

1. Nistaqsi jien: Għaliex il-kumplament ta' vers 14 huwa mħolli barra hawn? U b'hekk dak li Kristu ried ifisser huwa mibdul total-

ment hawn. Ġesù qiegħed juri b'mod l-aktar ċar li t-trabi m'għandhomx għalfejn jitgħammdu għaliex *huma safja*! Hu mibdul għaliex dan jagħti tweġiba u juri lit-trabi ma jeħtiġux il-Magħmudija u b'hekk iwaqqa' t-tagħlim żbaljat tal-Magħmudija tat-trabi. Ġesù jkompli jgħid: "**għax ta' min hu bħalhom hija s-saltna ta' Alla**."

2. Mela t-trabi ma jistgħux ikunu bid-dnub għaliex *aħna*, rridu nsiru **bħalhom** biex nirtu s-saltna ta' Alla u mhux *huma* jsiru **bħalna**, midinbin! Qatt għaddielek minn moħħok dan int?
3. Issa li taf il-veru tagħlim *tal-Mulej*, x'se tagħmel?
4. "Wisq aktar hi importanti l-istedina tal-Knisja **biex it-trabi ma jinżammux li jmorru għand Ġesù** permezz tad-don tal-Magħmudija." Dan hu eżattament l-istess bħala dak li ppruvaw jagħmlu d-dixxipli ta' Ġesù, jiġifieri, iżommu lit-trabi milli jmor-ru għandu Ġesù (Ara Luqa 18:15-17).
5. Il-Kattoliċi qegħdin jippruvaw iżommu lit-trabi milli jmorru għand Ġesù billi *ħolqu d-dnub tan-nisel* imma Ġesù qiegħed igħidilhom: "*Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżommuhomx,* ***għax ta' min hu bħa-***

***lħom ħija s-saltna ta' Alla***" (Luqa 18:16).

6. Sejjer int tkompli żżommhom u tmur kontra r-rieda tal-Mulej? (2 Ġwanni 2:8-11).

**Paġna 318**

- **1276** – "Morru mela, **agħmlu dixxipli** mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, **u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom**". (*Mt. 28:19-20*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Tista' tarbija tagħmilha "dixxiplu"? Il-Mulej qalilhom biex imorru u jagħmlu "dixxipli mill-ġnus kollha." Dan qiegħed igħidu l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika.
2. Temmnu int?

**Paġna 469**

- **1972** – Il-liġi l-ġdida tissejjaħ *liġi ta' l-imħabba* għaliex iġġegħelna nagħmlu dak li għandna nagħmlu għall-imħabba li jsawwab fina l-Ispirtu s-Santu, u mhux minħabba l-biża'; hi liġi tal-grazzja għax tagħtina l-qawwa tal-grazzja biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu **permezz tal-fidi** u tas-sagramenti; hi *liġi ta' libertà* (*ara Ġak. 1:25; 2:12*), għax teħlisna mill-ħarsien tal-preskrizzjonijiet rit-

wali u ġuridiċi tal-Liġi l-qadima u **tqanqalna biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu <u>minn rajna</u>** mqanqlin mill-imħabba; u fl-aħħ-arnett twassalna biex noħorġu mill-qagħda ta' lsiera "li ma jafux x'jagħmel sidhom" għal dik ta' ħbieb ta' Kristu "għaliex kull ma smajt minn għand Missieri, jiena għarrafthul-kom" (*Ġw. 15:15*), jew aħjar fil-qagħda ta' wlied werrieta (*ara Gal. 4:1-7, 21-31; Rum. 8:15*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Id-dnub tan-nisel sar **minn rajna**?
2. Ċertament li tarbija ma tista' tagħmel xejn minn rajha!

**Paġna 318**

- **1279** – Il-frott tal-Magħmudija hu l-grazzja li tagħti l-Magħmudija; hi realtà ta' għana liema bħalu, għax iġġib: **il-maħfra tad-dnub tan-nisel** u tad-dnubiet kollha **personali**; it-twelid għal ħajja ġdida li biha l-bniedem isir iben adottiv ta' Alla l-Missier, membru ta' Kristu, tempju ta' l-Ispirtu s-Santu. Proprju għax mgħammed, jissieħeb fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, u jkollu sehem fis-saċer-dozju ta' Kristu.

**Kumment:**

1. **Fejn** jintqal fil-Bibbja li l-Magħmudija ġġib **il-maħfra tad-dnub tan-nisel**? Imma l-Mulej jgħid li l-magħmudija **hija għall-maħfra tad-dnubiet kollha personali**: ara **977**, paġna 245.
2. Ara **Eżekjel 18:20**.
3. Aqra issa **1868** u **1871**, paġna 449.
4. X'taħseb int dwar dan?
5. Id-deċiżjoni hija waħda sempliċi, lil min jiena se nemmen, il-Kelma ta' Alla jew il-kelma tal-bnedmin?

**Paġna 245**

- **978** – "**Meta aħna nagħmlu l-ewwel stqarrija tal-fidi tagħna aħna u nirċievu l-Magħmudija li tnaddafna minn kull tinġis tad-dnub**, il-maħfra li nirċievu hi hekk kbira u hekk sħiħa, li ma jibqa' xejn li jeħtieġlu jitħassar, **la d-dnub tan-nisel**, u lanqas id-dnubiet li nkunu għamilna **bir-rieda tagħna**, u lanqas ikun hemm xi piena li biha nkunu għad irridu npattu…

**Kummenti tiegħi:**

1. "**Meta aħna nagħmlu.**" Huma t-trabi nklu-żi fl-"Aħna"?
2. Tkun **l-ewwel stqarrija tal-fidi tagħna** meta aħna nitwieldu?

3. Dwar li l-Magħmudija li tnaddafna minn kull tinġis tad-dnub…la d-dnub tan-nisel …" ara 1743, paġna 427.

**Paġna 250**

- **998** – *Min jirxoxta?* Il-bnedmin kollha li jkunu mietu, "dawk li jkunu **għamlu** t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu **għamlu** l-ħażin iqumu għall-kundanna." (*Ġw. 5: 29; ara Dan 12:2*).

**Kummenti tiegħi:**

1. **X'għamlu** t-trabi ħażin? Japplika dan għat-trabi?
2. Huma t-trabi nklużi mal-**bnedmin kollha?**
3. X'ħażin it-trabi għamlu biex iqumu għall-kundanna?
4. Aħseb b'moħħok u mhux tħalli lil ħaddieħor jaħseb għalik għaliex int, u int biss għad trid twieġeb lil Alla fil-ġudizzju! (2 Korintin 5:10).

**Paġna 308**

- **1226** – Minn nhar Għid il-Ħamsin, il-Knisja tiċċelebra u tamministra l-Magħmudija. San Pietru lill-folla, mqanqla mill-predikazzjoni tiegħu, qalilha: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u intom tirċievu d-

don ta' l-Ispirtu s-Santu" (*Atti 2:38*). L-Appostli u l-kollaboraturi tagħhom **kienu jagħtu l-Magħmudija lil kull min jemmen fi Kristu**: Lhud, nies li kellhom il-biża' ta' Alla, pagani (*ara Atti 2: 41; 8:12-13; 10:48; 16:15*). **Il-Magħmudija dehret dejjem marbuta mal-fidi**: "Emmen fil-Mulej Ġesù u ssalva int u l-familja tiegħek," qal San Pawl lill-għassies tal-ħabs ta' Filippi. U l-ġrajja tkompli: "Bla telf ta' żmien tgħammed l-għassies u niesu kollha" (*Atti 16:31-33*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Jekk l-appostli **dejjem kienu jagħtu l-magħmudija lil kull min jemmen fi Kristu u l-magħmudija dejjem kienet marbuta mal-fidi** għaliex issir il-magħmudija tat-trabi?
2. U għaliex aħna ma nimxux fuq il-passi ta' l-appostli (Atti 2:42)?
3. Ara **183**, paġna 60.

**Paġna 308**

- **1227** – Skond San Pawl permezz tal-Magħmudija **min jemmen** jissieħeb fil-mewt ta' Kristu, jindifen miegħu biex miegħu jirxoxta:

 Ma tafux li aħna li tgħammidna fi
 Kristu, tgħammidna fil-mewt tie-

għu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija, sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida (*Rum. 6:3-4; ara Kol. 2: 12*).

L-imgħammdin "jilbsu 'l Kristu" (*Gal. 3:27*). Permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, il-Magħmudija hi ħasil li jnaddaf, iqaddes u jiġġus-tifika (*ara 1 Kor. 6:11,12,13*).

**Kummenti tiegħi:**

1. Hija l-magħmudija **għal min jemmen** jew le **skond San Pawl u skond il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika?**
2. Wieġeb int.
3. Agħmel skond dak li twieġeb!

**Paġna 308**

- **1228** – Il-Magħmudija mela hi ħasil bl-ilma li fih "iż-żerriegħa li ma titħassarx" tal-Kelma ta' Alla tagħti l-ħajja (*ara 1 Piet. 1:23; Ef. 5:26*)….

**Kummenti tiegħi:**

1. Għandek żewġ għażliet x'tagħmel issa: L-ewwel waħda hi li tiddeċiedi li tobdi lill-Mulej u tagħmel dak kollu li ordna Hu fil-

Bibbja Mqaddsa, u twarrab it-tagħlim falz kollu tal-bnedmin, u b'hekk ikollok il-ħajja ta' dejjem.

2. It-Tieni hi, li tkompli miexi fid-dlam u tobdi lill-bnedmin aktar milli tobdi lil Alla u twarrab it-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa, u b'hekk ikollok il-kundanna ta' dejjem finnar ta' l-infern! (Matt. 25:31-46; Apok. 20: 11-15).

It-trabi tagħna huma salvi minn Kristu u ma jeħtiġux il-magħmudija (jekk tista' ssejħilha magħmudija) tal-Knisja Kattolika Rumana! Id-dikjarazzjoni grazzjuża tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu, u l-wegħdiet Tiegħu dwar it-trabi huma bbażati fuq il-fidwa li hija permezz tad-demm Tiegħu. It-trabi jmutu l-istess kif mietu d-dixxendenti ta' "*l-ewwel bniedem*," li permezz tal-ħtija tiegħu tilef il-ħajja għalih innifsu u għall-posterità tiegħu matul il-ġenerazzjonijiet kollha. Huma jgħixu mill-ġdid permezz tal-merti "*tat-tieni bniedem,*" Il-Mulej mis-sema. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet; għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu*

*f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:21).

It-trabi jmutu, mhux minħabba d-dnub tagħhom infushom, għaliex "*id-dnub huwa l-ksur tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4) u huma **ma jafu** l-ebda liġi!

Alla ma ħalliniex mingħajr pedament ta' tama; aħna għandna x-xhieda tal-Kelma Tiegħu fuq id-destin taż-żgħar tagħna. Huma ma kinux imwarrba mir-Ragħaj it-Tajjeb li jieħu ħsieb il-ħrief kif ukoll in-nagħaġ. Ġesù, fis-simpatija Tiegħu, kien attent ħafna biex iħalli fil-Kelma Tiegħu, konsolazzjoni fis-siegħat mudlama ta' niket u luttu li xi ġenituri jistgħu jgħaddu minn-hom.

Aħna lkoll niftakru jew nistgħu nimmaġinaw kemm mudlama u ta' swied il-qalb tkun dik is-siegħa meta omm tħares fuq it-tarbija tagħha mingħajr ħajja, bil-kemm tkun tista' tirrealizza li din qatt ma tkun tista' terġa' titbissem fuqha f'din id-dinja, fit-tebut minflok fil-benniena tagħha—u mbagħad, fil-qabar.

Suppożizzjonijiet, opinjonijiet u fehmiet min-għajr ebda provi ta' xejn fuq id-dnub oriġinali tat-trabi wasslu għat-taħsir tat-tagħlim u ordina-nzi tal-Mulej Ġesù Kristu, u għal l-aktar prat-tika superstizzjuża u ta' bla qalb. L'hekk imsej-ħa "magħmudija tat-trabi"

għandha l-oriġini ta-għha minn dan il-qerq. Ir-rifjut tal-qassisin biex jidfnu t-tfal mejtin li mhumiex mgħammdin "f'art ikkonsagrata" huwa bbażat fuq l-istess falżità. In-niket, diqa, agunija u nuqqas ta' tama tal-ġenituri msejkna huwa kollu dovut għall-istess żball.

F'nofs id-dieqa u s-swied il-qalb tagħna, aħ-na ħarisna għad-dawl u rajnieh. Aħna warrabna fil-ġenb dak it-tagħlim kollu settarju, mingħajr l-ebda ġenerożità, u flok dan poġġejna lil Kristu. "**Ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet**" jgħidilna l-Mulej tagħna (Mat-tew 19:14). Dan hu kif il-Mulej jieħu t-tagħ-bija minn fuq dawk li jinsabu "*imtaqqlin*" (Mattew 11:28-30). Ġesù jagħti l-mistrieħ mid-dubji u l-inkwiet dwar it-tarbija tagħna u mhux kif igħidu l-bnedmin li ma jafux fejn it-tarbija tmur wara l-mewt!

Fil-lingwa ta' Ġesù ma hemm *l-ebda* limitaz-zjoni. Mhuwiex "*ta' dawn it-tfal,*" jew ta' "*xi tfal,*" jew ta' "*tfal magħżula,*"imma "**TA' MIN HU BĦALHOM.**" Dan mhuwiex xi struzzjoni, x'għandhom jagħmlu biex isalvaw, jew x'għan-dhom jagħmlu l-ġenituri tagħhom jew il-parrin-ijiet tagħhom jew xi ħadd ieħor, jew li jwiegħ-du li jagħmlu għalihom sabiex huma jiksbu mi-strieħ fis-saltna; imma "TA'

MIN HU BĦAL-HOM HIJA S-SALTNA TAS-SMEWWIET.” Tista’ s-saltna tas-smewwiet tkun tal-midinbin? Qiegħed tara kif it-tagħlim tal-bnedmin jaqleb it-tagħlim tal-Mulej tagħna u jġibu fix-xejn! (Mark 7:8-9). Imma kompli isma’ l-Mulej x’għandu xi jgħidilhom lil dawk li jgħallmu dak it-tagħlim falz u jakkużaw tarbija bid-dnub:

> “*Il-qassisin il-kbar u l-kittieba ma felħux jissaportu meta raw l-egħġubijiet li kienu qegħdin isiru u lit-tfal fit-Tempju jgħajtu u jgħidu: ‘Hosanna lil Bin David!’ U qalulu: “Qiegħed tisma’ x’inhuma jgħidu dawn?” Iva,” qalilhom Ġesù; “qatt ma qrajtu li ‘minn fomm **it-tfal u t-trabi tal-ħalib** int hejjejt tifħir għalik’?”* (Mattew 21:15-16).

Ma japplikax dan il-kliem għal dawk li jakkużaw lit-tfal u t-trabi tal-ħalib bid-dnub? Sejjer Alla jhejji tifħif Għalih minn fomm midneb? Imma sfortunatament huma ħafna nies li jippreferu jaċċettaw dak li jgħidulhom il-mexxejja reliġjużi tagħhom milli dak li jgħid il-Mulej tagħna Ġesù Kristu!

L-umanità ma tkunx ikkundannata, la għad-dnub oriġinali u lanqas għall-ħtija ta’ Adam,

imma għal raġunijiet li ma jistgħux possibbilment jaffettwaw lit-trabi. Ara x'tgħid il-Kelma ta' Alla. Dawn huma:

1. **Rumani 14:12** – "*Għalhekk **kull wieħed minna** għad jagħti kont **tiegħu nnifsu** lil Alla*" (jew ***tiegħu nnifsu*** jew ta' Adam u Eva!)
2. **2 Korintin 5:10** – "*Kull wieħed jieħu **skond** it-tajjeb jew il-ħażin **li jkun għamel** meta kien għadu ħaj fil-ġisem*" (mhux skond ma għamlu Adam u Eva).
3. **Apokalissi 20:13** – "*…u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu **fuq l-egħmejjel tiegħu***" (mhux fuq l-għemil ta' Adam u Eva).
4. **Mattew 16:27** – "*Għax bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed **skond ma wieħed ikun għamel***" (u mhux skond ma għamlu Adam u Eva!)
5. **Rumani 14:12** – "*Mela kull wieħed minna jagħti kont lil Alla **tiegħu nnifsu***" (mhux għad-dnub ta' ħaddieħor, jiġifieri, ta' Adam u Eva).
6. **Galatin 6:7** – "*Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd. **Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad***" (Huwa d-dnub ivvintat mill-

bnedmin imsejjaħ 'dnub tan-nisel' miżrugħ mit-tarbija? Jekk le, mela hija ma tistax taħsdu!)

7. **Apokalissi 20:12-14** – "*U l-mejtin sar ħaqq minnhom* ***fuq l-egħmejjel tagħhom*** *skond ma kienu mniżżla fil-kotba…u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu* ***skond l-egħmejjel tiegħu***" (u mhux skond l-egħmejjel ta' Adam u Eva!) "Skond ma kienu mniżżla fil-kotba" tal-Mulej u mhux skond ma jgħidu l-kotba tal-bnedmin, jiġifieri, li tarbija titwieled bid-dnub tan-nisel jew imħassra! Kemm hu differenti kliem il-Mulej mill-kliem tal-bnedmin!
8. **Apokalissi 22:12** – "*Ara, jiena ġej dal-waqt, u miegħi nġib il-ħlas ħalli rrodd lil kull wieħed skond ma ħaqqu* ***għal għemilu***" (u mhux għal għemil Adam u Eva!)
9. **Ġwanni 8:34** – "*…****Kull min jagħmel*** *id-dnub huwa lsir tad-dnub*" (xi dnub **għamlet** tarbija biex tkun ilsiera tiegħu?)
10. **Ġakbu 1:14-15** – "*Imma kull wieħed hu mġarrab, meta jkun imġarrab u mħajjar mill-passjoni* ***tiegħu stess****. Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub: u d-dnub, meta jsir, iġib il-mewt.*" (Il-passjoni ma tistax teżisti mingħajr **ħajra**

**personali** u tarbija ma jista' jkollha ebda ħajra ta' din ix-xorta! Jekk il-passjonijiet mhumiex tie-għi, allura d-dnub mhuwiex tiegħi, u l-ħtija mhix tiegħi, u r-ruħ tiegħi ma tistax tkun ħatja minħabba passjonijiet li mhumiex tiegħi! Taqbel int ma' dan?

Ċertament li huwa impossibbli għat-trabi li jkunu f'din il-kundanna! Il-kundanna tkun fuq min jikkundanna lit-trabi bid-dnub u li l-Mulej użahom bħala eżempju għalina l-kbar biex in-siru bħalhom! (Luqa 18:15-17).

Xi ħadd forsi jgħid, "il-Magħmudija ma ta-għmlilhom ebda ħsara." Iva, din tista' jekk huma kunu mgħallma li kull ma kienu għamlu meta kienu mgħammda kien biss li obdew l-ordni tal-bnedmin u mhux tal-Mulej. Barra minn dan, int li tipprattika l-magħmudija tat-trabi, kif sejjer twieġeb lil Alla talli **bdilt** il-Liġi Tiegħu u ssostitwejt liġi tal-bniedem minn flok-ha? Iva, lit-trabi l-magħmudija tagħhom ma tantx se tgħamlilhom ħsara imma lil dawk li jipprattikawha u li jordnawha kontra dak li or-dna l-Mulej se tagħmlilhom ħafna u ħafna ħsara għaliex huma qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn minħabba t-tagħlim tagħhom (Mark 7: 8, 9). Mela nsejtha t-twissija:

> "*…Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema, jħabbrilkom evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! …jekk xi ħadd iħabbrilkom* ***ħaġa oħra*** *għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!*" (Ara wkoll Apokalissi 22:18-19).

Il-magħmudija tat-trabi hija "***evanġelju ieħor***" li ma kienx imħabbar mill-kittieba ispirati u għalhekk, il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tgħidilna li minn igħallem Evanġelju ieħor ikun misħut! Wieħed m'għandux jinsa li dan il-kliem qiegħed igħidu l-Mulej tagħna Ġesù Kristu (Galatin 1:11-12) u mhux jien! Il-magħ-mudija tat-trabi hija "*ħaġa oħra*" u mhux dak li aħna rċevejna mill-Mulej, u għalhekk kull min igħallima u kull min jipprattikaha, skond il-Mulej, ikun misħut! It-tagħlim ċar tal-Mulej huwa li:

> "*Min* ***jemmen*** *u jitgħammed isal-va*" (Mark 16:16).

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana huwa:

> "*Min jitgħammed isalva u jem-men.*"

It-tagħlim ta' xi denominazzjonijiet huwa li:

> "*Min jemmen isalva u jitgħammed.*"

Ara paġni 7 sa 10. Imma nistaqsi jien, għaliex huwa daqshekk diffiċli għal xi wħud biex iwarrbu t-tagħlim tal-bnedmin għal dak tal-Mulej? Hija għażla sempliċi li wieħed għandu jagħmel, jew jobdi lill-Mulej jew jobdi lill-bnedmin! Il-Mulej jgħid,

> "*Jekk tħobbuni, **ħarsu l-kmandamenti tiegħi**…Min **iżomm il-kmandamenti tiegħi*** (mhux tal-Knisja Kattolika Rumana jew ta' xi knisja oħra) ***u jħarishom**, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi …Jekk xi ħadd iħobbni, **iħares kelmti**, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. **Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi**. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni*" (Ġwanni 14:15-24).

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej,'* **u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?**" (Luqa 6:46-49).

Staqsi lilek innifsek, int li temmen u taċċetta l-magħmudija tat-trabi, inħobbu jien tassew lill-Mulej meta jiena naċċetta u nipprattika ħaġa li mhix ordnata jew ikkmandata Minnu? Erġa' aqra Luqa 6:46 kull darba li int issejjaħlu "Mulej'!

Jekk int għad għandek xi diffikultà dwar jekk il-Mulej ordnax il-magħmudija tat-trabi jew le, isma' x'qal qassis Kattoliku Ruman dwar il-magħmudija tat-trabi, nikkwota:

> *Nitkellmu ċar mill-ewwel*: L-ordni ta' Ġesù lid-dixxipli biex jgħam-mdu *żgur li qatt ma kienet ordni biex jitgħammdu t-trabi. Ħaġa bħal din lanqas biss kienet tgħad-dilu minn moħħu jew minn moħħ id-dixxipli tiegħu*. Għal Ġesù u d-dixxipli l-magħmudija hi l-quċ-ċata ta' tagħlim u preparazzjoni. "Morru agħmlu dixxipli u għam-mduhom" qalilna Ġesù f'Mattew 28:19. "Morru fid-dinja kollha xandru l-bxara t-tajba lill-bnedmin kollha. Min jemmen u jitgħam-med isalva" qalilna f'Mark 16: 16.

Il-magħmudija *tal-Bibbja* timplika li qabel il-persuna li se titgħammed tkun aċċettat il-bxara t-tajba f'ħajjitha….

Il-magħmudja *hi wara l-fidi. Int trid temmen* f'Alla l-Missier, ħaj u veru; *inti trid temmen* f'Ġesù Kristu li hu bagħat; *inti trid temmen* fl-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja, ***imbagħad tit-għammed*** fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. ***Din hi t-teoloġija tal-magħmudija li nsibu fil-vanġelu. Din hi l-magħmudija LI TAGĦMEL SENS***.

*F'din l-istqarrija ta' Fidi u bil-magħmudija, il-persuna kienet is-sir* ***Kristjan***….Li llum qed nagħmlu din id-diskussjoni hu sinjal li bdejna nifhmu. Inti stqasejtni: Se tinbidel? Jien nixtieq li iva ***ħalli ngħixu l-verità*** ta' dak li nippriedkaw u nemmnu. Imma l-Knisja Istituzzjonali tibża' millbidla. Nixtieq li jekk ma tinbidilx il-magħmudija tat-trabi nibdlu l-

> età tas-Sagrament tal-Konfermazzoni.
>
> Forsi xi darba *ma nħossuniex aktar redikoli* ngħajtu bħala nsara maturi lil tfal ta' 9 u 10 snin… (Dun Ġorġ Dalli, In-Nazzjoni, *FEATURE*, Każ Numru 3, it-Tnejn, 7 ta' Lulju, 1997, p. 21. Enfasi tiegħi, kemm korsiv u kemm fl-iskur).

L-aktar li laqatni f'din id-diskussjoni kienet it-tweġiba li ta' l-qassis Kattoliku għal mistoqsija: "Se tinbidel?" It-tweġiba kienet: "Jien nixtieq **li iva** *ħalli ngħixu l-verità* ta' dak li nippriedkaw u nemmnu" (enfasi tiegħi). Dan ifisser, li sal-lum, jiġifieri, mis-sena 1997 sal-lum (2006), l-Knisja Kattolika Rumana għadha qed tgħix *f'gidba u mhux fil-verità* għaliex il-magħmudija tat-trabi għadha l-prattika tagħha! Dan ifisser li dawk kollha, li flimkien mal-kitieb ta' dak l-artiklu (Dun Ġorġ Dalli) għadhom qegħdin *iħossuhom redikoli*, għaliex hu qal, u nikkwota: "Forsi xi darba ma nħossuniex aktar redikoli ngħajtu bħala nsara maturi lil tfal ta' 9 u 10 snin…" (aħseb u ara trabi tat-twelid!). Mis-sena 1997 sal-lum (2006) l-Knisja Kattolika Rumana ma bidlet xejn minn dak! Imma

nistaqsi jien, dawn jinsbu kuntenti li "mhumiex qegħdin igħixu l-verità? Dawn jinsabu kuntenti li jkomplu "jħossuhom redikoli?" Mhumiex lesti li jagħmlu kif għamlu l-appostli u jgħidu:

> "…*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Mhumiex lesti li jfittxu l-verità fil-knisja ta' Kristu u mhux fil-Knisja Kattolika Rumana? Meta huma jafu li, nikkwota: "*L-ordni ta' Ġesù lid-dixxipli biex jgħammdu żgur li qatt ma kienet ordni biex jitgħammdu t-trabi, u li ħaġa bħal din lanqas biss kienet tgħaddilu minn moħħu jew minn moħħ id-dixxipli tiegħu,*" allura huma kuntenti li jmorru kontra l-ordni ta' Ġesù u jobdu l-ordni żbaljata tal-bnedmin u jkomplu jbexxu t-trabi? Possibbli li ma jafux x'hemm lest għalihom? (2 Ġwanni 9-11; Apokalissi 22:18-19; Mattew 7:21-23). Kuntenti li jkollhom il-"korla ta' Alla fuqhom u fuq dawk li qegħdin jiġu mqarrqin? (Efesin 5:6). Mhumiex huma lesti, wara li għaddew dawk is-snin kollha sal-lum li jħallu dak it-tagħlim falz u jsiru membri fil-vera knisja ta' Kristu u huma nfushom jitgħammdu bil-magħmudija, li skond il-qassis stess, "*Din hi l-magħmudija LI TAGĦMEL SENS.*" Ara aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid u membri fil-vera knisja

ta' Kristu hekk nitgħammdu u hekk ngħallmu! Aħna ngħallmu u ngħixu l-verità u mhux gidba! Lest int, li qiegħed taqra dan l-istudju tħalli dak it-tagħlim falz u taċċetta *l-verità* li hi biss tista' teħilsek? (Ġwanni 17:17; 8:32). L-Ispirtu s-Santu qieghed igħidlek f'dan il-mument:

> "*Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom*" (Lhud 3:7, 8, 15: 4:7).

Il-parir tiegħi huwa: Obdi lil l-Ispirtu s-Santu u mhux lill-bnedmin! Tinsiex x'jgħid il-Mulej:

> "*Għaliex issejħuli 'Mulej,' 'Mulej,'* ***u mbagħad ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien*" (Luqa 6:46).

## HUMA T-TRABI MIDINBA?

L-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Fejn ma hemmx liġi anqas ma hemm ksur ta' liġi*" (Rumani 4: 15).

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar x'inhu d-dnub:

> "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi;* ***għax id-dnub huwa***

> ***l-ksur tal-liġi***" (1 Ġwanni 3:4; enfasi tiegħi).

L-appostlu ispirat mill-Ispirtu s-Santu ddikjara li mingħajr il-liġi hu kieku ma kienx ikun jaf id-dnub. Ksur jista' ma jkunx attiv b'mod pożittiv. Jista' jkun nuqqas li jaġixxi hekk li wieħed jaf li għandu jagħmel it-tajjeb u ma jagħmlux ma jidnibx. Ġakbu jgħid:

> "*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel dnub*" (Ġakbu 5:17).

Minħabba l-ħsara ta' l-effett tad-dnub, minħabba l-konsegwenzi eterni tiegħu, aħna għandna nirrealizzaw meta nidinbu, meta aħna responsabbli għad-dnub. Billi naraw li m'hemmx ksur mingħarj liġi u dik il-liġi hija neċessarja għal wieħed li jkun jaf id-dnub, l-unika triq li wieħed jista' jidneb hija għalih li jkollu liġi u mbagħad jikser il-liġi.

Ma hemm l-ebda liġi għat-trabi biex huma jobduha. Sakemm it-tarbija tilħaq il-maturità biżżejjed biex tisma' u tifhem, **il-liġi għaliha ma tapplikax**. Nistaqsi jien, "Tapplika l-liġi tas-serq għal tarbija tat-twelid? Jiena ċert mija fil-mija li wkoll dawk li *jakkużaw* tarbija bid-

dnub tan-nisel ma jgħidux li tapplika! Huma jaqblu magħna li din tibda tapplika hekk kif dik it-tarbija tikber u tibda tifhem x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, fi kliem ieħor li jfisser l-istess ħaġa, **tibda tifhem il-liġi**. *Alla ma ta l-ebda kmandament lil xi persuna biex inbexxu ftit qtar ta' ilma fuq ras it-tarbija u dan insejħulu* "*magħmudija!*" L-hekk imsejħa "magħmudija tat-trabi" *letteralment u Skritturalment mhix magħmudija*! Letteralment, għaliex il-magħmudija hija "immersjoni," u Skritturalment għaliex fl-Iskrittura *mkien* ma hemm xi kmand biex ngħammdu lit-trabi. Il-Mulej qal lil min għandna ngħammdu, u dan qalu bi kliem l-aktar ċar u sempliċi u li jista' jifhmu kulħadd. Il-Mulej igħid: "*Min JEMMEN u jitgħammed, isalva…*" (Mark 16:16). Tarbija ma tistax "TEMMEN!" Id-dnub jitlob **azzjoni**, jew li tirrifjuta li taġixxi fid-dawl ta' l-abbiltà ta' l-individwu. Għalhekk, it-tarbija mhix midinba. Id-dnub qiegħed jagħmlu dak li jakkuża lit-tarbija bid-dnub! Tarbija mhix midinba, u *ma tistax* tiret id-dnub jew il-ħtija tiegħu. Hija ma kisret u *ma tista'* tikser l-ebda kmandament għaliex ma rċeviet l-ebda kmandament!

Iżda, meta wieħed jilħaq l-età li hu jew hi jkun jaf it-tifsira tal-liġi ta' Alla u jsib li l-ġibda

tiegħu wasslitu biex jikser dik il-liġi, hu għandu jirrealizza li hu kien sar qaddej tad-dnub u għandu l-bżonn il-ħtieġa tas-sagrifiċċju ta' Sidna Ġesù Kristu għall-fidwa tiegħu. Hu jrid, kif l-appostlu Pawlu jgħid:

> "*Jobdi dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalna biex nimxu fuqu*" (Rumani 6:17-18).

Dan isir meta dak l-individwu jkun: "*Midfun ma' Kristu fil-mewt permezz tal-magħmudija*" u kif Kristu kien "*imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier*" biex "*jgħix ħajja ġdida*" (Rumani 6: 4).

## ID-DNUB LI JINTIRET HUWA INVENZJONI TAL-BNEDMIN

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li:

> "*Alla hu sinċier u kull bniedem gid-dieb*" (Rumani 3:4).

Kittieb li kien jemmen fil-magħmudija tat-trabi amm-etta li kien diffiċli li żżomm il-prattika permezz ta' l-Iskrittura Mqaddsa għaliex l-eżempji fejn it-Testment il-Ġdid jirreferi għall-magħmudija jassumu li dawk li kienu tgħam-mdu kienu **adulti biss**. Madankollu, dan il-kittieb kompla biex jgħid, "minkejja l-fatt li din

ma kinetx ipprattikata mill-knisja tal-bidu u m'għandha l-ebda Skrittura partikulari x'tid-defendiha, il-knisja kienet sewwa meta bdiet din il-prattika." Dan il-kittieb ħassu li kien sew-wa li żżid lit-tarbija fil-knisja li tagħha l-ġeni-turi kienu membri, ukoll qabel ma hi tkun taf it-tajjeb u l-ħażin. U jiena nżid, u wkoll għal-kemm dan imur kontra t-tagħlim tal-Mulej.

Ġustifikazzjoni għall-magħmudija tat-trabi fil-fatt li din tkun ipprattikata, hija bbażata fuq l-assunzjoni lit-tarbija hija mwielda bid-dnub, li hija kkundannata, xi wħud jgħidu għall-infern, oħrajn jgħidu għal limbu, waqt li oħrajn jgħidu li ma jafux x'jiġri mit-tarbija wara l-mewt, u dan kollu għaliex it-tarbija wirtet id-dnub ta' l-antenati tagħha (skond huma).

Fi ktejjeb li kien jintuża fl-iskejjel Kattoliċi Rumani privati ta' Malta (1996) li jġib l-isem ta; "*The Teaching of the Catholic Church*" *A New Catechism of Christian Doctrine*, minn Herbert McCabe OP, Catholic Truth Society, l-ewwel, f'paġna 18, insibu taħt it-titlu "Bap-tism" numru 86, What is Baptism?, X'inhi l-Magħmudija?" fejn l-ispjega hija din: "*Bapti-sm is the first sacrament of initiation into the Church. We are immersed or washed in water while the following words are spoken: 'I*

*baptise you in the name of the Father and of the Son and of the Holy spirit.'*" Bil-Malti dan jgħid hekk: "Il-Magħmudija hija l-ewwel sagrament tad-dħul fil-Knisja. Aħna mgħaddsa jew maħsula fl-ilma waqt li l-kliem li jsegwi huwa mlis-sen: 'Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.'" Mela, minn dan aħna aċċertati li l-magħmudija hija immersjoni jew ħasil fl-ilma *u mhux tibxix* kif isir fil-prattika tal-Knisja Kattolika Rumana! Jekk aħna mmorru f'paġna 19, numru 92, ta' l-istess ktieb, li jġib it-titlu ta' "Is it appropriate to baptise babies?" jiġifieri, 'huwa xieraq li tgħammed lit-trabi?' fil-kumment taħt wara li jintqal illi t-teologi Kattoliċi, fosthom S. Wistin u San Tumas Aquinas ma jaqblux bejniethom dwar fejn tmur tarbija wara li tmut mingħajr ma tkun mgħammda, jintqal dan il-kliem, nik-kwota: "*The Church has not defined anything on this matter.* ***We therefore do not know with certainty*** *what is the fate of infants who die unbaptised. What we do know with certain-ty is that God loves each of them infinetely more than any of us could*" (enfasi tiegħi). Dan qiegħed igħid li l-Knisja Kattolika Rumana ma tafx *b'ċertezza* x'inhu d-destin ta' trabi li jmutu mingħajr il-magħmudija. U hawn

jidher ċar ħafna kemm n-nuqqas ta' tagħlim tal-Bibbja li hemm fil-knisja Kattolika Rumana, mhux lin-nies imma wkoll fost it-teologi tagħha! Kulma wieħed għandu jagħmel hu li jaqbad il-Bibbja Kattolika tiegħu f'idejh u jaqra żewġ siltiet biss u jkun jaf b'ĊERTEZZA dwar fejn imorru t-trabi fil-mewt. L-ewwel silta hija Luqa 1:4 fejn wara li fil-versi ta' qabel jintqal kif inkitbet il-kitba, f'dan il-vers jintqal ir-raġuni għaliex inkiteb il-Vanġelu ta' Luqa u oħrajn. Ir-raġuni hija din, u se nikkwota minn Bibbja Kattolika Rumana bl-Ingliż,

> "*So that you may realize* ***the certainty of the teaching*** *you have received*" (Luqa 1:4; enfasi tiegħi. New American Bible Catholic Version).

Mela, Luqa kiteb, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, biex aħna *nkunu nafu b'ċertezza* dak it-tagħlim li Alla jridna li nkunu nafu.

Imma mhux hekk biss, isma' x'jintqal fid-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, Edizzjoni Studia, 1982, paġna 210, Kap III, taħt it-titlu ta' "**Ispirazzjoni Divina U L-Interpretazzjoni Ta' L-Iskrittura Mqaddsa**":

890 Għalhekk, billi dak kollu li l-awturi ispirati, jew aġjografi, kitbu għandna nżommuh bħala dak li ntqal mill-Ispirtu s-Santu, hekk ukoll, bħala konsegwenza, għandna nemmnu li l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa ***jgħallmu b'ċertezza***, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa[5]. Għalhekk "L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba." (1 Tim. 3, 16-17 gr.). (Enfasi tiegħi).

Allura kif jintqal f'dak il-ktejjeb, u nikkwota: "*We therefore do not know with certainty what is the fate of infants who die unbaptised*"? Possibbli li min kiteb hekk (Herbert McCabe OP) ma kienx jaf xi jgħidu d-Dokumenti tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II? Ma kienx jaf dan li "l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa ***jgħallmu b'ċertezza***, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa"?

Issa x'jgħid Luqa fil-Vanġelu tiegħu **b'ċertezza** dwar it-trabi? Luqa jgħidilna hekk:

> “*Ġibulu wkoll quddiemu* ***t-trabi*** *biex imisshom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajtu magħhom. Ġesù sej-ħilhom u qalilhom: ‘Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżomuhomx,* ***għax ta’ min hu bħalhom hija s-saltna ta’ Alla****. Tassew, ngħidilkom, li min is-saltna ta’ Alla ma jilqagħhiex b’qalb ta’ tifel ċkejken ma jidħolx fiha*” (Luqa 18:15-17).

Kemm hu differenti l-kliem ta’ Luqa, li kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu mill-kliem tat-teologi Kattoliċi Rumani! It-tagħlim Kattoliku Ruman iġib il-kliem tal-Mulej jgħid hekk:

> “*Min is-saltna ta’ Alla jilqagħha b’qalb ta’ tifel ċkejken, ma jidħolx fiha.*”

U dan għaliex tifel ċkejken għandu d-dnub tannisel, skond huma? Temmnu dan int? Luqa qiegħed igħidilna **b’ċertezza** lit-trabi huma salvi, skond Ġesù Kristu. Imma t-teologi Kattoliċi, bejniethom lanqas jaqblu għax min jgħidilna li se jintilfu u min jgħidilna lit-trabi sejrin il-Limbu u min jgħidilna li ma jafux fejn sejrin jekk huma jmutu mingħajr il-magħmudija Kat-

tolika! Jekk it-trabi mhumiex salvi allura l-Mulej irid li aħna lkoll nintilfu bħalhom għaliex Hu qal bi kliem ċar: "**ta' min hu bħalhom** hija s-saltna ta' Alla." Jista' xi teologu Kattoliku Ruman jgħid li f'dak il-ħin li l-Mulej qal dak il-kliem Hu ma kienx jaf lit-trabi jitwieldu bid-dnub tan-nisel? Ċertament li l-Mulej qiegħed igħid hawn lit-trabi huma salvi għalhekk kom-pla jgħid li:

> "*min is-saltna ta' Alla* ***ma jilqa-għhiex b'qalb ta' tifel ċkejken*** *ma jidħolx fiha*."

Isma' x'qal ukoll il-Mulej dwar it-tfal u t-trabi ta' l-ħalib:

> "*…qalilhom Ġesù; "qatt ma qrajtu li 'minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tifħir għalik*" (Mattew 21:16; Salm 8:3).

Wara li tisma' kliem bħal dan mingħand il-Mulej trid tassew tkun ta' qalb iebsa biex tibqa' taċċetta t-tagħlim falz li tarbija titwieled bid-dnub! Hejja Alla tifħir minn fomm il-midinbin? It-trabi huma safja għal Ġesù imma huma mniġġsa, midinbin għat-teologi Kattoliċi u xi oħrajn bħalhom! Aħna naqblu ma' Ġesù!

Din il-ħaġa ta' dnub li jintiret u ħtija hija sewwasew nieqsa mill-Iskrittura Mqaddsa daqs kemm hija nieqsa l-magħmudija tat-trabi. **Im-kien** ma wieħed hu mwiddeb biex igħammed lit-tarbija tiegħu—jew biex jagħmel xi ħaġa dwar din il-ħaġa—biex jeħlisha mit-tebgħat tad-dnub tan-nisel. Peress lit-tfal isiru dak li huma jkunu mgħallma biex isiru, jintqal lill-ġenituri biex irabbuhom fit-tagħlim u fil-parir tal-Mulej. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri lejn l-ulied mhijiex biex jeħilsuhom minn xi dnub li ġie fuqhom b'wirt minn ġenerazzjoni ta' qabel, imma biex irabbuhom b'tali mod li huma jduru mid-dnub għal Alla u jirċievu l-barkiet u l-wegħdiet Tiegħu.

Il-magħmudija tat-trabi u d-dnub tan-nisel jew id-dnub oriġinali li jintiret huma t-tnejn *in-venzjonijiet tal-bnedmin*. Il-Kristjani tat-Test-ment il-Ġdid m'għandhomx, allura, jagħtu każ tagħhom. Ħallu li Alla jkun tassew. Skartaw l-invenzjonijiet tal-bnedmin li għandhom x'jaqs-mu ma' l-Ispirtu. Għallmu, ħarrġu, u mmarkaw. Dan hu d-dover tal-ġenituri lejn uliedhom. Min igħammed lit-trabi tiegħu ikun qiegħed imur kontra dak li qal il-Mulej dwar it-trabi f'Luqa 18:15-17; Mattew 19:13-15; Mark

10:13-16. U li tagħmel dan huwa dnub kontra l-Mulej!

## JINTIRET ID-DNUB?

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk:

> "*Jekk int tagħmel sewwa, ma tkunx int aċċettat? U jekk int ma tagħmilx sewwa, id-dnub qiegħed mal-bieb; ix-xewqa tiegħu hi għalik, iżda int għandek tikkumbattiha*" (Ġenesi 4: 7).

Kieku d-dnub kien jintiret, kien ikun hemm il-bżonn biex jitħassar il-kontroll tad-dnub malajr kemm jista' jkun sewwasew wara t-twelid. Kien dan il-ħsieb li b'mod żbaljat ta l-qawmien għal l-idea ta' magħmudija Kristjana tat-trabi minflok iċ-ċirkonċiżjoni kif ordnata dwar it-trabi taħt il-liġi ta' Mosè. Ukoll, wieħed ma jridx jinsa liċ-ċirkonċiżjoni kienet issir fuq is-subjien biss. Ifisser dan, allura, li l-magħmudija tat-trabi għandha ssir lis-subjien biss! Qiegħed tara kif ma tistax tbabas mal-Kelma ta' Alla!

Iżda fil-Bibbja Mqaddsa ma hemm *xejn* imniżżel dwar tindif ta' dawn, l-ewwel trabi fid-dinja. Fil-fatt, il-kontra hu mgħallem. Innoċenza jew ħtija mhumiex sinjal immnissel. Din tiġi mill-attitudni u l-azzjoni tagħna l-istess kif

Kajjin irċieva d-dnub li wassal għall-qtil ta' ħuh Abel.

Id-dnub ma jintiritx, imma l-kapaċità li tagħmel is-sewwa jew il-ħażin hija sewwasew mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-ġenerazzjoni. Dan hu kkonfermat fl-Iskrittura. Approvazzjoni jew riġettar jiddependi fuq l-azzjoni ta' l-individwu. Kif Alla nkoraġġixxa lil Kajjin mingħajr ħeġġa lis-sagrifiċċju tiegħu kien imwarrab hu mifhum li Kajjin ma kienx għamel sewwa f'ċertu sens quddiem Alla.

Il-verità turi lid-dnub ifittex biex jinvadi moħħ li ma jaħsibx ħalli jalljenah u jirbħu. Iżda dan m'għandux ikun! Aħseb sewwa dwar ir-relazzjoni tiegħek ma' Alla u azzjoni tajba għandha tiġi wara. Imbagħad id-dnub ma jkollux post biex ippoġġi fih u jirbaħ.

## MIDNEB META TWIELED?

> "*Ara, jiena kont miġjub fid-dnub, u fil-ħażen ommi nisslitni*" (Salm 51: 7).

L-Iskrittura ta' fuq hija kkwotata mill-awtoritajiet Kattoliċi Rumani (u minn xi denominazzjonijiet oħra) bħala prova ta' din id-dottrina. (Ara Gibbons, *Fidi Ta' Missirijietna*, ed. 110, p. 219; Graham, *Fidi Għall-Ħajja*, 1946, p. 67).

Imma għal din is-silta biex tgħallem id-dotrina "tad-dnub oriġinali," din kieku għandha tinqara f'dan il-mod:

> "*Ara, jiena kont miġjub* ***midneb****; u* ***bil-ħtija*** *tad-dnub ommi nisslitni.*" (enfasi tiegħi.)

Dan ma jinqarax hekk u dan ma jgħallimx "id-dnub tan-nisel." Hawn David mhuwiex qiegħed jirreferi għad-dnub ta' ommu kif hu mniżżel f'Rumani 3:23, iżda għal dnubietu stess u għan-natura ħażina tiegħu. David qiegħed jiddiskuti l-kondizzjoni, l-istat midneb tiegħu u jitlob għall-ħniena u l-maħfra ta' Alla.

David qiegħed jgħid li ħajtu kienet ikkaratterizzata bid-dnub mill-bidu sat-tmiem u li dan ukoll fit-twelid hu kien miġjub f'dinja tad-dnub u b'natura mxaqilba lejn id-dnub. Hu qiegħed jiddiskuti l-istat debboli tal-ġisem li wiret mir-razza tiegħu, u mhux *il-ħtija* attwali tad-dnub. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna dwar dan,

> "*Araw, kulħadd huwa tiegħi; bħall-ħajja tal-missier hekk dik ta' l-iben tiegħi huma.* ***Min jagħmel id-dnub,*** ***<u>ikun hu</u>*** ***li jmut****....Il-bniedem li jidneb,* ***<u>hu</u>*** *għandu jmut;* ***l-iben ma jbatix minħabba***

> ***fid-dnubiet ta' missieru****, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig*" (Eżekjel 18:4, 20).

David kien wiret natura mwaqqa'. Hu mhux biss jistqarr l-egħmejjel ħżiena tiegħu, iżda jittraċċjahom għal dak il-wirt ta' natura inklinata għad-dnub (C. Short, *The Pulpit Commentary,* Vol. 8, "*The Psalms,*" p. 406).

Din hija l-istess ħaġa li l-appostlu Pawlu rrifera għaliha f'Rumani 7:15-23. Hemm differenza kbira bejn li tkun ikkonċeput u miġjub 'il quddiem fil-ġisem *b'natura karnali* (mhux spiritwali) u bejn li tiret *il-ħtija* ta' l-antenati tiegħek. Salm 51:5 qiegħed jirreferi għal "natura" li ntirtet u mhux għall-"ħtija" jew dnub li ntiret! Kif diġa' rajna, il-Kelma ta' Alla tgħidilna x'inhu d-dnub b'mod l-aktar ċar: id-dnub "*huwa l-ksur tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4) u ma jistax jintiret! L-uniku mod li persuna tista' tidneb huwa li tikser il-liġi! Dan tarbija ma tista' tagħmlu qatt! Wieħed jiskanta sa fejn imorru xi wħud biex igħallmu t-tagħlim falz tagħhom fejn saħansitra jaqilbu wkoll it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla.

## M'HEMMX LOK ĦAL LIMBU!

L-appostlu Ġwanni jgħidilna b'ispirazzjoni minn Alla,

> "*Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna*" (Ġw-anni 5:28-29).

Xi gruppi reliġjużi jemmnu li "t-trabi mhux mgħammda" ma jistgħux ikunu mħollija li jid-ħlu fis-smewwiet, (il-Ġenna) iżda għandhom igħaddu l-eternità fil-Limbu tat-trabi (*Limbus infantum*) għaliex Ġesù qal li wieħed għandu jitwieled mill-ilma u l-Ispirtu (Ġwanni 3:5) biex jidħol fis-saltna tas-smewwiet. Id-dottrina tal-Limbu u tal-Purgatorju huma ħsieb li jid-domandaw stat ta' bejn ħaġa u oħra, bejn is-Smewwiet u l-Infern. Il-Purgatorju jista' jiġi meħlus, hu emmnut mill-Kattoliċi Rumani, per-mezz tat-talb u l-penitenza waqt li l-Limbu hu post "għat-trabi jew tfal li ma jkunux mgħam-mda u tfal li huma mentalment inkapaċitati" fejn dawn ikunu miċħuda mill-preżenza ta' Alla, imma meħlusa mit-tbatija ta' l-Infern. Kemm jagħmlu lil Alla kattiv, skond dan it-

tagħlim, dawk li jgħallmuh! Il-mistoqsija tiegħi hija din: Huwa t-trot tat-tarbija li twieldet inkapaċitata, jew skond l-għalliema foloz Kattoliċi li din ma kinetx mgħammda? Jew ma kinetx mgħammda għaliex hija riedet torqod xi siegħa aktar u tilfet l-opportunità? Jekk it-tarbija mietet ftit minuti wara li twieldet, x'tort jista' jkollha biex din tkun ikkastigata għall-eternità fil-Limbu? Jekk din it-tarbija twieldet inkapaċitata minn ġuf ommha, x'tort jista' jkollha biex din tmur il-Limbu għall-eternità? Li kieku din saret inkapaċitata għaliex meta hija kibret, marret tipprova tisraq, u b'aċċident waqgħet u saret inkapaċitata, allura l-każ ikun differenti, imma xorta dik il-persuna tista' tindem mid-dnub tagħha! Imma li tgħid li tarbija tat-twelid li tmut jew li titwieled inkapaċitata din tkun miċħuda minn Alla mill-preżenza Tiegħu u mitfugħa fil-Limbu għall-eternità, dan hu dnub kbir u dawk li jgħallmu dan it-tagħlim krudili għad iridu jagħtu kont lil Alla tiegħu!

L-iżball taż-żewġ dottrini hu muri ċar mill-Mulej fi Ġwanni 5:25-29,

> "*Tassew, tassew ngħidilkom, li tiġi siegħa, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen ta' l-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh igħixu. Għax*

*bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu, u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem. Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu* ***għamlu*** *t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu* ***għamlu*** *l-ħażin iqumu għall-kundanna*" (Enfasi tiegħi).

Żewġ affarijiet huma murija ċar ħafna f'dan il-Kliem tal-Mulej:

1. Dawk kollha li jmutu għandhom il-wegħda li jkunu mqajma mill-imwiet.
2. Hemm ippereparati **żewġ** destini—dawk li jkunu **għamlu** t-tajjeb iqumu għall-ħajja, dawk li jkunu **għamlu** l-ħażin iqumu għall-kundanna.

Dan ma jħallix lok la għall-Purgatorju u lanqas għal Limbu! Dawk li jemmnu fil-veritajiet ta' l-Iskrittura Mqaddsa, għalhekk, għandhom ikunu kuntenti li jaċċettaw dan mingħajr l-ebda dubju! Illum il-Limbu donnu qiegħed jiġi mwarrab fil-ġenb mill-Knisja Kattolika Rumana! Wieħed se jkun ġġudikat fuq dak li jkun **għa-**

**mel** hu waqt li kien ħaj hawn fil-ġisem (2 Korintin 5:10).

## ID-DNUB HU XI ĦAĠA MAGĦMULA

Ġwanni jagħtina d-definizzjoni tad-dnub mhux minn moħħu imma b'ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu:

> "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi:* ***għax id-dnub huwa l-ksur tal-Liġi***" (1 Ġwanni 3:4).

Id-dnub mhuwiex xi ħaġa li wieħed jirċevih min-għand il-ħbieb, il-qraba, l-għedewwa jew l-antenati tiegħu ta' qabel id-dulluvju permezz ta' wirt, ta' xi nuqqas, jew imġiegħel fuq xi ħadd, iżda huwa r-riżultat tal-ħtija ta' l-individwu billi jikser il-liġi jew liġijiet ta' Alla. Kif diġa' rajna f'paġna 56, naqraw f'Eżekjel 18:20,

> "*Il-bniedem li jidneb,* ***hu*** *għandu jmut;* ***l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru****, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

Juri dan li t-tarbija *tiret* id-dnub ta' Adam! U kif tista' tarbija "tiret" id-dnub meta l-Iskrittura tgħidilna li "*kull min **JAGĦMEL** id-dnub jikser ukoll il-liġi,*" u kif tista' tarbija "tiret" id-dnub meta l-Iskrittura tkompli tgħidilna "*għax id-dnub huwa **KSUR** tal-liġi*" (1 Ġwanni 3:4)?

Għalhekk, id-dnub huwa xi ħaġa **magħmula**, u mhux xi ħaġa li wieħed jiritha!

Paragun jista' jinġieb mil-liġijiet ċivili tad-dinja. Jekk raġel miżżewweġ jipparkja l-karrozza tiegħu f'xi post fejn mhux suppost li jipparkjaha, hu jkun kiser il-liġi, imma la martu, la wliedu, u lanqas xi dixxendent ieħor minn tie-għu ma jkunu miżmuma ħatja jew ikkastigati għal din il-ħtija! Ukoll, jekk raġel, missier ta' żewġt itfal jew aktar, jinqabad jisraq jew jikko-mmetti xi qtil, dan jeħel il-ħabs, imma la martu, la wliedu, u lanqas xi dixxendent ieħor minn tiegħu ma jkunu miżmuma ħatja jew ikkastigati għal din il-ħtija! Kemm martu u kemm uliedu jbatu *l-konsegwenzi* li hu qiegħed il-ħabs imma mhux *il-ħtija*!

Il-liġi ta' Alla tista' tkun miksura b'dawn il-modi li ġejjin:

3. Billi tagħmel dak li jintqal biex ma tagħmilx: "*La tisraqx.*"

4. Billi tagħmel dak li jintqal biex tagħmel; biss ma tagħmlux eżatt kif Alla kkmanda li għandu jsir. Kajjin offra sagrifiċċju lil Alla imma s-sagrifiċċju tiegħu ma kienx skond ma ordna Alla (Ġenesi 4:3-7). Eżempju ċar huwa l-magħmudija tat-trabi. Il-magħmudija hija ordnata minn Alla permezz ta' *l-immersjoni* u ta' *kull min jemmen*, imma l-magħmudija tat-trabi mhijiex dik li ordna Alla, għalhekk hemm ksur tal-liġi ta' Alla!
5. Billi tonqos tagħmel dak li Alla kkmanda, id-dnub tat-traskuraġni, jew tan-nuqqas, kif inhu muri fil-parabbola tan-ngħaġ u l-mogħoż: "*Għax jien kont bil-ġuħ u ma tmajtunix…*" (Mattew 25: 42).
6. Billi ssir taf it-tajjeb u ma tagħmlux: "*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel dnub*" (Ġakbu 4:17). Ukoll dan id-dnub huwa komuni ħafna u li huma ħafna li ma jagħtux każ tiegħu. Huma jafu li l-magħmudija tat-trabi mhix Skritturali, huma jafu t-tajjeb li għandhom jagħmlu, jiġifieri, li jwarrbu t-tagħlim kollu tal-bnedmin, imma huma mhumiex lesti li jagħmlu dan! Dan hu d-dnub li jitkellem daru Ġakbu.

Għalhekk, id-dnub jista' jkun miksub **biss** permezz ta' ksur tal-liġi attwali ta' l-individwu u **ebda tarbija** ma tista' tagħmel dan!

## ID-DNUB HUWA LI TIKSER IL-LIĠI

L-appostlu Pawlu, jitkellem dwaru nnifsu, jgħid hekk,

> "*Jien kont darba ngħix mingħajr il-liġi, imbagħad ġie l-kmandament u d-dnub ħa r-ruħ. Jien mitt*" (Rumani 7:9).

Il-bniedem ma setax ikun jaf x'inhu ħażin mingħajr liġi. Pawlu, fi tfulitu, kien spiritwalment ħaj, barra mil-liġi għaliex ma kienx responsabbli ta' ħajtu f'dak l-istadju. Madankollu, hekk kif l-intelliġenza żdiedet hu ġie taħt ir-restrizzjonijiet tal-liġi.

Permezz tal-ksur tal-liġi, id-dnub ġie fl-eżistenza, għaliex ksur tal-liġi huwa dnub. Ir-riżultat ta' mewta spiritwali. Il-liġi ma tikkaġunax id-dnub, imma biss tfissru u tikkundannah. *Tarbija ma taf l-ebda liġi, għal-hekk ma tista' tikser l-ebda liġi!*

Eva dinbet, imma mhux minħabba l-kmand, "*Int m'għandekx tiekol minnha.*" Il-gidba ta' Satana u l-ingann kienu l-kaġun li hija dinbet. Satana ħa l-kmandament bħala okkażjoni biex

iressaqha u jittantaha. L-istruzzjonijiet tal-Mulej, maħsuba biex jassistu għall-ħajja fis-sewwa, saru kontributtivi għall-qirda tagħha, għaliex huma ddefinixxew x'kien ħażin u nfurmawha x'riżultat tal-biża' ġġib id-diżubbidjenza. (Efesin 5:6).

Hekk ukoll huwa magħna u mal-liġi ta' Alla. Il-liġi ta' Alla hija qaddisa, tajba, u, meta tkun obduta, dan ikun għall-ġid tagħna stess. Għarfien tal-liġi Tiegħu iġiegħelna nkunu nafu x'inhu dnub u x'mhuwiex id-dnub.

Madankollu, sakemm kull darba li wieħed ma jkunx kapaċi għal għarfien bħal dan, huwa jibqa' spiritwalment ħaj. Imma għarfien tal-liġi ta' Alla, u bi ksur tagħha, il-bniedem jidneb. Id-dnub iġib mewta spiritwali, li, jekk mhux maħ-fura, tirriżulta f'separazzjoni eterna minn mal-Mulej. It-trabi ma jistgħux ikunu jafu x'inhu dnub u x'mhuwiex id-dnub!

## GĦARFIEN TAD-DNUB

L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*X'ingħidu, mela? Li l-liġi hi dnub? Ma jkun qatt! Imma ma kontx inkun naf x'inhu d-dnub, kieku ma kinetx il-liġi; ma kontx inkun naf x'inhi l-*

> *konkupixxenza kieku l-liġi ma qalt-lix: "La tiżnix"* (Rumani 7:7).

F'kapitlu seba' ta' Rumani, Pawlu jpoġġi quddiemna r-relazzjoni proprja bejn iż-żewġ Patti. F'dan il-proċess l-appostlu jittratta b'suppożizzjoni li l-qarrejja tiegħu huma fiċ-ċert li jqajmu argument dwar il-Liġi Możajka. Din tista' tintqal f'dan il-mod:

> "*Jekk il-ġibdiet ħżiena tagħna permezz tal-liġi jaħkmu fil-membri tagħna biex iġibu l-frott għall-mewt (v. 5), allura ovvjament il-liġi hija dnub.*"

Għal dan Pawlu wieġeb: "**Ma jkun qatt.**" Hu jkompli biex juri li huwa qatt kieku ma kien ikun jaf id-dnub ħlief għal-liġi. Imbagħad jiġi eżempju speċifiku:

> "*Ma kontx inkun naf x'inhi l-konkupixxenza kieku l-liġi ma qaltlix, 'La tiżnix'*" (v. 7).

Mir-rimarki ta' l-appostlu, aħna nosservaw dan li ġej: L-ewwel, sabiex ħaġa tiġi ttimbrata bħala dnub, għandu jkun hemm liġi li turiha li hija hekk. It-tieni, id-dnub, għadu nieqes sakemm wieħed ikun kiser il-liġi li tkun teżisti, *għaliex "id-dnub huwa l-ksur tal-liġi"* (1 Ġwa-

nni 3:4). It-tielet, ħtija ma tistax tiġi stabbilita sakemm ikun hemm għarfien tal-liġi.

Dwar dak li huwa dnub tan-nisel jew dnub oriġinali kif xi kultant huwa msejjaħ, aħna nikkonkludu lit-trabi ***ma jistgħux*** jitwieldu bil-ħtija tad-dnub, għaliex huma ***ma jistgħux*** juru nuqqas ta' kont għall-kmand li huma m'għand-hom ebda għarfien tiegħu. Barra minn dan, il-ħtija mhix preżenti mingħajr għarfien tal-liġi u tarbija *ma taf bl-ebda liġi!*

## ISSIRU BĦAT-TFAL IŻ-ŻGĦAR

L-appostlu Mattew jikkwota għalina l-kliem ta' Ġesù dwar it-tfal iż-żgħar,

> "*U hu qalilhom: "Tassew, ngħidil-kom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet*" (Ara wkoll Luqa 18:15-17).

Dak kollu li dan il-passaġġ jista' jfisser, għal-linqas jagħmel paragun. U l-paragun huwa ċar ħafna biex wieħed ma jifhmux. Huwa sempli-ċiment illi biex wieħed jidħol fis-saltna ta' Alla u jkun salv, dan għandu jkollu ċerti karatteris-tiċi tat-tfal iż-żgħar. Il-karatteristiċi partikulari mitluba f'din is-silta huma l-umiltà u s-safa, kif il-kontenut jindika. L-umiltà hija li wieħed ikun

lest li jammetti li hu qiegħed fl-iżball, xi ħaġa iebsa ħafna għal xi wħud li jwarrbu t-tagħlim żbaljat tagħhom, it-tagħlim li hu ġej mill-bnedmin u mhux minn Alla, kif fil-każ tal-magħmudija tat-trabi, u jaċċettaw it-tagħlim tal-Mulej, u s-safa billi jitgħammdu għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; 22:16), ħaġa li xi wħud ukoll mhumiex lesti li jawarrbu t-tagħlim żbaljat tal-bnedmin, jiġifieri, li persuna hija salva bil-fidi biss.

Issa, hija ħaġa ta' bla ħsieb li Ġesù **juża mid-neb** bħala mudell għal dawk fis-saltna Tiegħu. U madankollu, jekk it-tfal huma midinba min-natura, allura Ġesù kien qiegħed ipoġġi midneb bħala l-eżempju tagħna! Min jista' jemmen li Ġesù kien qiegħed igħid li aħna għandna nsiru bħall-midinbin biex nidħlu fis-saltna Tiegħu? Il-paragun kollu huwa sewwasew il-kontra. Fil-fatt, kieku t-tfal iż-żgħar *mhumiex bla dnub*, ma kien ikun hemm ebda paragun ta' xejn! Qie-għed tara f'liema pożizzjoni dawk li jgħallmu lit-trabi jitwieldu bid-dnub, jew imħassra qegħ-din ipoġġu lill-Mulej tagħna? Qegħdin ipoġġuh f'pożizzjoni li Hu ma kienx jaf daqshom dwar it-trabi!

Qari ta' l-ewwel vers għandu juri li Ġesù qal dan il-kliem għaliex id-dixxipli kienu mimlija

bihom infushom u b'ambizzjonijiet tad-dinja. Huma kienu aktar moħħhom biex jargumentaw dwar min hu l-aqwa fis-saltna. Dawn il-ħsibijiet u xewqat żbaljati għandhom jiġu kkorreġuti għad-dixxipli u għal dawk kollha li għad jgħixu wara. Ġesù kellu jitkellem bi kliem ħafif u li jkun mifhum u li qatt ma jintesa. Ġesù ried eżempju ta' **ħajja mingħajr ebda dnub**, ħajja li ma kinetx im-ċappasa bil-passjonijiet ħżiena li jtebbgħu l-erwieħ ta' dawk li jafu t-tajjeb u l-ħażin. Ħajja umli u mhux supperva! Ġesù kien l-Għalliem Padrun u mhux it-teologi Kattoliċi Rumani jew xi mexxejja reliġjużi oħra! Fil-moħħ kbir Tiegħu, Ġesù wasal għal eżempju bħal dan. Il-Mulej tagħna sab l-eżempju li Hu ried fit-tfal iż-żgħar, imma t-teologi tad-dinja ma jaqblux Miegħu u jippruvaw iġibu Kliemu fix-xejn! Ukoll għalkemm hu kkwota minn Salm 8:3 f'Mattew 21:16,

> "*…qatt ma qrajtu li 'minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tif-ħir għalik'?*"

Hekk aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, inħarsu lejn it-tfal u t-trabi! It-tfal iż-żgħar u t-trabi tat-twelid huma għalina l-eże-

mpju li lkoll irridu nisru bħalhom biex nidħlu fis-saltna tas-smewwiet! Dan il-Mulej igħidu!

## MAGĦMUDIJA GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET TA' MIN?

Waqt li Pietru u l-appostli l-oħra kienu qegħdin jippriedkaw l-aħbar it-tajba, in-nies staqsewhom x'għandhom jagħmlu, u Pietru wieġeb,

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom*" (Atti 2:36-38).

Xi wħud jemmnu u jgħallmu wkoll li tarbija għandha tiġi mgħammda biex b'hekk tgawdi l-preżenza eterna tal-Missier. Dan huwa bbażat fuq l-idea lit-trabi jitwieldu fid-dnub u li huma mħażżna totalment permezz ta' l-għemil tat-twelid tagħhom f'din is-saltna umana. Dan hu tagħlim tad-demonji u mhux tal-Mulej! (Ara 1 Timotju 4:1).

Jekk dan hu minnu, allura l-kmand biex titgħammed għandu jingħata b'tali mod li jinkludi lit-trabi. Ħalli aħna niddeterminaw MIN hu ordnat li jitgħammed billi neżaminaw dak li l-appostli ordnaw lin-nies biex jagħmlu wara li Ġesù Kristu qalilhom x'kellhom jippriedkaw. (Erġa' ara paġni 7 sa 10 qabel tkompli taqra). Qabel ma Ġesù ħalla d-dinja, Hu ordna lil l-

appostli Tiegħu biex imorru jxandru l-Bxara t-Tajba li:

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16).

Fil-kliem tal-Mulej wieħed jista' jifhem sewwa MIN għandu jitgħammed u MIN se jkun ikkundannat. Dawk li għandhom *jitgħammdu* huma dawk li l-ewwel "JEMMNU" *għax iridu huma*! Dawk li se jkunu kkun-dannati huma dawk li MA JEMMNUX *għax iridu huma*! L-appostlu Pawlu jgħid hekk,

> "*Minn dan jidher* ***il-ħaqq ġust ta' Alla****, ħalli b'hekk tkun tixirqilkom is-saltna t'Alla, li minħabba fiha, qegħdin tbatu. Alla għad jagħmel* ***is-sewwa****, u jrodd it-tbatija lil dawk li qegħdin iġa-għlukom issofru; u għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li Sid-na Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imda-wwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas* ***lil dawk li ma jagħarfux*** *lil Alla, u* ***'l dawk li ma jobdux*** *l-evanġelju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il*

*bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qaw-wa tiegħu, dak in-nhar li jiġi biex jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieh minn dawk kollha li jkunu* ***emmnu*** *fih, għax intom em-mintu x-xhieda tagħna fostkom*' (2 Tessalonikin 1:5-10; enfasi tiegħi).

Il-ħaqq ta' Alla huwa **ġust**, mhux bħal tal-bnedmin li jakkużaw trabi u tfal innoċenti bid-dnub. Il-ħaqq ġust ta' Alla jkun "biex iħallas lil dawk li **ma jagħarfux lil Alla**, u 'l dawk li **ma jobdux l-evanġelju** ta' Sidna Ġesù." It-trabi la jistgħu "jagħrfu lil Alla" u lanqas ma jistgħu "jobdu l-evanġelju." Imma skond it-teologi Kattoliċi Rumani u xi oħrajn it-trabi se jkunu kkundannti wkoll "***bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu***." Taqbel int ma' dan it-tagħlim krudili? Huma ħafna li jgħidulek li ma jaqblux imma ħaġa ta' l-iskantament hija, li huma jibqgħu membri f'dik il-knisja li tgħallem u tipprattika dak it-tagħlim falz, u wkoll meta huma jkollhom it-trabi, huma jgħammduhom ukoll!

Imma ħalli nkomplu dwar dak li l-Mulej ordna lil l-appostli biex jippriedkaw lill-ġnus

kollha. Il-Bxara t-Tajba li huma kellhom ixandru kienet li:

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16).

Huma hekk għamlu. F'Atti 2:37-39 naqraw dwar kif l-appostli wasslu l-messaġġ li kien tahom il-Mulej.

Sabiex niddeċiedu jekk tarbija hix inkluża f'dan il-kmand, aħna għandna naraw jekk it-tarbija tistax tkompli l-ħtiġijiet tal-kmand. F'dawn il-versi minn Atti kapitlu tnejn, naqraw hekk:

> "*Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: "L'aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Għax il-wegħda qiegħda għalikom u għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom.*"

*Indiema* hija parti neċessarja tal-kmand, iżda tarbija mhix kapaċi li tindem, ukoll jekk hija għandha d-dnub tan-nisel! It-tarbija hija dgħajfa mill-proċess tal-ħsieb u l-abbiltà li huma ta' l-istess grad li huma tant vitali "*għall-bidla tal-moħħ*" li hija l-indiema. Aħna għandna nikkonkludu li l-magħmudija hija **biss** għal dik il-persuna li hija matura biżżejjed biex tkun taf u tkun kapaċi li tbiddel moħħha (tindem) dwar is-servizz attwali tad-dnub u li hija kapaċi li tbiddel qalbha (jew ir-rieda tagħha) minn ħajja ta' attività ta' dnub għall-ħajja ta' tjubija fi Kristu. F'Luqa 24:47, il-Mulej qalilhom:

> "*li l-indiema għall-maħfra tad-dnub-iet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha …*"

Tista' int ixxandar l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet lil tarbija? F'Mattew 28:19 il-Mulej qalilhom:

> "*Morru, mela, **agħmlu dixxipli** mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (enfasi tiegħi).

Tista' tarbija tagħmilha "dixxiplu"? Fi Ġwanni 20:23, li hija wkoll l-istess okkażjoni li nqraw

f'Mattew 28:19; Mark 16::16 u Luqa 24:47, il-Mulej qalilhom,

> "*Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikun maħfura, u dawk li żżommu-homlhom ikunu miżmuma.*"

Xi dnubiet wieħed jista' "jaħfer u jżomm" lit-trabi? Imma, sfortunatament, dan il-vers ġie interpretat ħażin u b'mod żbaljat għalkollox mit-teologi Kattoliċi Rumani u għamluh japp-lika għall-qrar fil-widna għand il-qassis Katto-liku Ruman minflok għall-maħfra tad-dnubiet permezz tal-magħmudija! *Dan m'għandu x'ja-qsam xejn mal-qrar Kattoliku Ruman!* Ġesù hawn kien qiegħed jitkellem dwar il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-magħmudija. Hu qalil-hom "*li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tix-xandar f'Ismu lill-ġnus kollha…*" (Luqa 24: 47). Jekk inti lest/a li tħalli l-Kelma ta' Alla tgħidlek hi u mhux l-għalliema foloz tad-dinja, allura m'għandu jkollok ebda diffikultà biex tkun taf xi jfisser dan il-vers. F'Atti 2:38 għan-dna t-tifsira:

> "*U Pietru weġibhom: "**Indmu**, u **jitgħammed** kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu **għall-maħ-***

***fra ta' dnubietkom***" (enfasi tiegħi).

Dawk kollha li kienu tgħammdu dak in-nhar (tlitt elef ruħ Atti 2:41) dnubiethom kienu *maħfura* imma dawk li ma tgħammdux, dnubiethom kienu *miżmuma*. Wieħed minn hawn jista' jara sa fejn jasal il-bniedem biex igħallem it-tagħlim żbaljat tiegħu! Mhux ta' b'xejn l-appostlu Pietru, meta tkellem dwar dak li kiteb Pawlu, qal,

> "*Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biż-żejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura. Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa* ***li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji*** *ta' dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn qegħdin fis-sod*" (2 Pietru 3:16-17; enfasi tiegħi).

Illum, ħafna huma dawk li qegħdin "jisfaw maħkuma mill-iżbalja" ta' ħafna mexxejja reli-

ġjużi! Għalhekk, il-magħmudija hija *għall-maħfra tad-dnubiet* tal-persuna nfisha u mhux *għall-maħfra tad-dnub* ta' Adam! Dan ifisser li ħadd ma jista' jkollu konfort f'magħmudija li saret f'dak il-mument tat-twelid tat-tarbija. Il-maħfra tad-dnubiet (plurali, mhux dnub) tista' tinkiseb biss permezz ta' *indiema* li ċertament, u li jiena ċert, li kulħadd jaqbel li tarbija ma għandha l-ebda dnubiet li teħtieġ li tindem min-nhom, u fuq kollox, kif tista' tarbija tindem! Mela, jekk inti kont imbexxex (u mhux mgħa-mmed) bħala tarbija, aħsibha sewwa u obdi l-kmand tal-Mulej illum qabel għada!

## IĠĠUDIKATI PERMEZZ TA' L-OPRI MAGĦMULA FIL-ĠISEM

(Mattew 16:27; Rumani 2:5-6; Apokalissi 22:12-15)

L-Iskrittura Mqaddsa tgħid hekk dwar il-ħaqq ġust ta' Alla,

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kul-ħadd jieħu* ***skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem***" (2 Korintin 5:10; enfasi tiegħi).

Applika dan għal tarbija, jekk tista'! (Ara paġni 40 sa 48). Mill-Iskritturi msemmija, aħna nitgħallmu lis-sistema kollha ta' ġustifikazzjoni mid-dnub hija dipendenti fuq kull persuna li hija **responsabbli għall-azzjonijiet tagħha nfisha**. Jekk l-umanità ma tistax tkun miżmuma responsabbli, li tagħti kont għall-"*ħwejjeġ li wieħed ikun għamel fil-ġisem*," imbagħad fuq xhiex il-ġudizzju jsir?

L-Iskrittura Mqaddsa tgħid konsistentament li kull persuna għandha tieqaf "*quddiem it-tribunal tal-ħaqq ta' Kristu*" u **tagħti kont personali tagħha nfisha**. F'sens reali ħafna, "kull bniedem għandu jerfa' t-tagħbija tiegħu nnifsu" għall-karattru u l-opri tiegħu nnifsu. Ma jkun hemm l-ebda opportunità biex tgħaddi l-ħtija minn ħwejjeġ personali ta' responsabbiltà lil oħrajn.

Il-vuċi, karattru, u l-ħajja tagħna nfusna jkunu mqiegħda fuq il-miżien quddiem il-Mulej. Imbagħad joħorġu għad-dawl il-ħwejjeġ moħbija fil-qlub tagħna—l-ingann kollu jinstab u l-ipokrisija tinkixef. L-istess ikunu rrivelati s-sinjali kollha li aħna għandna li jixbħu lil dawk ta' Kristu. L-opri tajba kollha, li spiss ma jkunux mifhuma, spiss irrappreżentati ħażin mill-ħbieb tagħna, ikunu mħollija biex jiddu qud-

diem id-dinja u jkunu ġġustifikati għall-eternità. Dan jagħmel il-ġudizzju ta' Alla ġudizzju ġust. "*In-nar jipprova kull għemil tal-bniedem xi kwalità dan kien*"—ix-xhieda ta' l-opri tal-bnedmin infushom.

Ħalli aħna ma nkunux ħatja li nakkużaw tarbija innoċenti bid-dnub meta l-Mulej tagħna Ġesù Kristu ddikjara s-saltna tas-smewwiet tagħha minħabba s-safa tagħha!

Ideċiedi int, għażiż qarrej, wara li tkun qrajt dan li ġej flimkien ma' dak li għadek kif qrajt, jekk tarbija tikkwalifikax għall-magħmudija Skritturali jew le.

## FIDI FIT-TESTMENT IL-ĠDID HIJA ĦTIEĠA ESSENZJALI QABEL IL-MAGĦMUDIJA

Il-passaġġi Skritturali KOLLHA li huma kkwotati huma KOLLHA mill-Bibbja Kattolika, l-istess bħal dawk ta' qabel. Fejn ikun hemm "enfasi" din dejjem hija tiegħi.

1. **Mattew 28:18** – "*Morru, mela, AGĦMLU DIX-XIPLI…u għammduhom…*"
2. **Mark 16:16** – "*Morru…xandru l-Bxara t-Tajba …MIN JEMMEN u jitgħammed, isalva.*"

3. **Ġwanni 1:12** – "*Imma dawk LI LAQGĦUH tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li EMMNU f'ismu.*"
4. **Ġwanni 3:15** – "*Biex KULL MIN JEMMEN fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.*"
    a. Skond it-tagħlim Kattoliku Ruman, it-trabi li jmutu QATT ma jista' jkollhom "*il-ħajja ta' dejjem*" għaliex dawn *qatt* ma kellhom l-opportunità li JEMMNU! Imma aħna nafu li Alla ma jittrattax lill-bniedem b'dan il-mod.
5. **Ġwanni 5:24** – "*MIN JISMA' kelmti u JEMMEN f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem.*"
    a. Imma tarbija kif tista' "**tisma' u temmen**"?
6. **Ġwanni 6:35-44** – "*…MIN JEMMEN fija ma jkun qatt bil-għatx…MIN JARA lil l-Iben u JEMMEN fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem…*"
    a. Applika dan għat-tarbija, u l-kliem KOLLU ta' Ġesù jiġi fix-xejn!
7. **Ġwanni 6:45** – "*Hemm miktub fil-profeti, 'U kulħadd ikun IMGĦALLEM minn Alla.' Mela kull MIN JISMA' lill-Missier u JITGĦALLEM minnu jiġi għandi.*"

a. Ċertament li ħadd ma jgħid li dan japplika għat-trabi wkoll!

8. **Ġwanni 7:38-39** – "*MIN JEMMEN fija, kif l-Iskrittura tgħid, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj. Dan qalu għal l-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li JEMMNU fih…*"

9. **Atti 13:38-39** – "*…Permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet; u permezz tiegħu, kull MIN JEMMEN ikun iġġustifikat minn kollox.*"

    a. Il-ġustifikazzjoni tinkiseb BISS permezz ta' TWEMMIN u dawk kollha (bħat-trabi, irritardjati, eċċ.) li mhumiex f'pożizzjoni **li jistgħu jemmnu** ma jikkwalifikawx għal dan.

    b. Għax "*il-fidi tiġi mis-smigħ…*" (Rumani 10: 17).

    c. Ukoll, għalkemm tarbija tisma', xorta ma tistax ikollha fidi permezz tassmigħ għaliex ma tifhimx dan li qed tisma'!

10. **Atti 13:48** – "*…U dawk kollha li kienu magħżula għall-ħajja ta' dejjem EMMNU …*"

11. **Rumani 1:16** – "*…l-Evanġelju u qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' DAWK KOLLHA LI JEMMNU…*"

12. **Rumani 3:30** – "*Hu jiġġustifika permezz tal- FIDI l-Lhudi ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkoniż.*"
13. **Rumani 5:1-2** – "*Issa li aħna iġġustifikati BIL-FIDI…li permezz ta' Ġesù Kristu, Sidna, li tana d-dħul BIL-FIDI għal din il-grazzja.*"
14. **Rumani 10:8-11** – "*Ħdejk qiegħda l-kelma f'FOMMOK u F'QALBEK: jiġifie-ri, il-kelma tal-FIDI li aħna nxandru. Għax jekk int tistqarr b'FOMMOK li Ġesù hu l-Mulej u TEMMEN f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int issalva. Għax BIL-QALB wieħed JEMMEN u jikseb il-ġustizzja u BIX-XOFFTEJN wieħed JISTQARR u jkollu s-salvazzjoni.*"
    a. Ebda parti minn din is-silta ma tista' tapplika għal tarbija.
    b. Tarbija la tista' tisqarr bix-XOFFTEJN u lanqas ma tista' TEMMEN F'QALB-HA biex TIKSEB il-ġustizzja u jkollha s-salvazzjoni!
    c. Tarbija diġa' għandha s-salvazzjoni għaliex "*ta' min hu bħalhom* (it-trabi) hija s-saltna ta' Alla (Mark 10:14).

15. **1 Korintin 1:17** – “*Kristu bagħtni mhux biex ngħammed, iżda biex INXANDAR l-Evanġelju.*”
    a. X’użu għandu x-XANDIR għat-trabi?
16. **Galatin 6:4** – “*ĦA JGĦARBEL kull wieħ-ed għamilu, imbagħad ikollu biex jiftaħar bih innifsu, MHUX B’ĦADDIEĦOR*”
    a. L-EBDA tarbija ma tista’ TGĦARBEL.
    b. Kull individwu għandu JIFTAĦAR BIH INNIFSU, MHUX B’ĦADDIE-ĦOR.
    c. Hawn il-PARRINU **jispiċċa!**
17. **Efesin 1:13** – “*U fih intom, wara li SMAJTU l-kelma tal-verità;…il-bxara tal-ħelsien tagħkom, fih intom, wara li EM-MINTU ssiġġillati bl-Ispirtu s-Santu….*”
18. **Efesin 2:8** – “*Għax bil-grazzja intom salvi, PERMEZZ TAL-FIDI.*”
    a. Jekk persuna tista’ BISS tkun salva “PERMEZZ TAL-FIDI” allura jekk din ma jkollix FIDI jfisser li hija mitlufa (Mark 16:16b).
    b. Tarbija ċertament li m’għandix u ma jistax ikollha FIDI u għalhekk jew hija “ikkundannata” (Mark 16:16b) jew hija salva (Mattew 19:13-14). Jew waħda

jew l-oħra! Imma l-Mulej igħidilna li hija salva u aħna Lilu nemmnu!

c. Il-Knisja Kattolika Rumana tgħid li tarbija li ma tkunx mgħammda ma tmurx "*fis-Saltna tas-Smewwiet*" (għal-kemm illum ħafna mit-teologi Kattoliċi ma jaqblux bejniethom fejn tmur).
d. Imma l-Mulej tagħna, Ġesù Kristu jgħid, "*Ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet*" (Mattew 19:14).
e. Aħna nemmnu lill-Mulej u mhux lill-bnedmin!

19. **Efesin 4:20-21** – "*Imma intom mhux hekk TGĦALLIMTU 'l Kristu—jekk intom SMAJTU u TGĦALLIMTU skond il-verità li hi f'Ġesù…*"
20. **Lhud 11:6** – "*Mingħajr FIDI ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla.*"
    a. Allura jiena nistaqsi, "tarbija għaliex ma tistax ikollha FIDI minħabba l-età żgħira tagħha ma tistax togħġob lil Alla?"
    b. X'tort għandha tarbija li ma tistax ikollha fidi?
    c. Alla żgur li ma jittrattax lit-trabi b'dan il-mod! Imma erġa' ara Mattew 21:16 u Luqa 18:15-17.

21. **1 Ġwanni 5:1** – "*Kull min JEMMEN li Ġesù hu l-Messija, hu mwieled minn Alla.*"
    a. Tarbija ma tistax TEMMNU DAN!
22. **Lhud 5:9** – "U, billi laqħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull MIN JOBDIH."

Tasrbija la jista' jkollha fidi u lanqas ma tista' tobdi lil Kristu. Fidi u ubbidjenza jmorru flimkien. Waħda mingħajr l-oħra ma jiswew xejn. Ukoll illum nisimgħu xi wħud igħallmu li wieħed isalva bil-fidi biss. Dak huwa tagħlim taddemonji għaliex Kristu sar l-awtur tas-salvazzjoni mhux ta' dawk li jemmnu biss imma ta' dawk *li jobdu*! Fidi li ma tipproduċix ubbidjenza hija fidi mejta (Ġakbu 5:14-26).

Imma issa, ħalli naraw ftit xi jgħid il-Kattekiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana.

Żomm il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'idejk u aqra inti stess dawn li ġejjin kollha u ara japplikawx għat-trabi! Fejn hemm miktub skur, dak huwa enfasi tiegħi.

**Paġna 65:**

- **186** – Sa mill-bidu l-Knisja ta' l-Appostli fissret u xandret il-fidi tagħha f'formoli qsar

u normattivi għal kulħadd (*ara Rum. 10:9; 1 Kor. 15:3-5; u l-bqija*). Iżda, minn kmieni ħafna, il-Knisja riedet ukoll tiġbor fil-qosor dak li hu essenzjali fil-fidi tagħha, b'mod organiku u artikulat, **l-aktar għall-kandidati tal-Magħmudija**:…

- **189** – L-ewwel "stqarrija tal-fidi" **ssir fil-Magħmudija**…

**Paġna 201:**

- **784** – Min jissieħeb fil-poplu ta' Alla **per-mezz tal-fidi u l-magħmudija**, jingħatalu sehem fis-sejħa waħdanija ta' dan il-Poplu: is-sejħa *saċertodali*:…

**Paġna 56:**

- **161** – Biex niksbu s-salvazzjoni, **irridu nem-mnu** f'Ġesù Kristu u f'Dak li bagħat għas-salvazzjoni tagħna (*ara Mark 16:16; Ġw. 3:36; 6:40 u l-bqija*). Għax "**mingħajr il-fidi** ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla" (*Lhud 11:6*) u ma jistax jasal għall-kondi-zzjoni ta' wlied Alla: **ebda bniedem ma jista' jkun ġustifikat mingħajr il-fidi** u ebda bniedem ma jista' jikseb il-ħajja ta' dej-jem jekk ma jżommx sħiħ sa l-aħħar fiha.

**Kummenti tiegħi:**

a. “Ebda bniedem ma jista’ jkun ġustifikat *min-għajr il-fidi*.”
b. Ifisser dan lit-trabi mhumiex “bnedmin”?
c. It-trabi qatt ma jista’ jkollhom il-“fidi.”
d. Allura dawn QATT ma huma se jkunu ġġustifikati?
e. U qatt ma huma se jiksbu l-ħajja ta’ dejjem?
f. Temmnu dan int?

**Paġna 57:**

- **167** – “Jiena nemmen” (Kredu ta’ l-Appostli). Hi l-fidi tal-Knisja **li jistqarr personalment kull min jemmen, prinċipalment fil-Magħmudija tiegħu**…

**Paġna 58:**

- **171** – Il-Knisja hi “kolonna u pedament tal-verità (*1 Tim. 3:15), u tħares bil-fedeltà kollha* “il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin” (*Ġuda 3*)….
- **172** – Tul il-mijiet ta’ snin permezz ta’ tant ilsna, kulturi, popli u nazzjonijiet, il-Knisja ma tieqaf qatt tistqarr **il-fidi waħda**, li rċeviet minn għand **Mulej wieħed**, u li tittrasmetti **b’Magħmudija waħda**, bl-għeruq fil-konvinzjoni li l-bnedmin kollha għandhom

biss **Alla wieħed** u **Missier wieħed** (*ara Ef. 4:4-6*)…

**Paġna 60:**

- **184** – Il-Kredu – …nistqarr **Magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet**…"

**Paġna203, l-aħħar parti:**

- **791** – …"Intom **li intom mgħammdin fi Kristu lbistu 'l Kristu**"… (*Gal. 3:27-28*).

**Paġna 471:**

- **1987** – Il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu għandha l-qawwa li tiġġustifikana, jiġifieri tnaddafna minn dnubietna u tagħtina "l-ġustizzja ta' Alla **permezz tal-fidi** f'Ġesù Kristu" (*Rum. 3:22*) **u permezz tal-Magħmudija** (*Rum. 6:4*).

> Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu ukoll li għad inqumu ma' Kristu, nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar: il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu. Hu li miet, miet darba, darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, jgħix għal Alla. Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom

mejta għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla, fi Kristu Ġesù (*Rum. 6:8-11*).

**Paġna 478:**

- **2017** – Il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu tagħtina l-ġustizzja ta' Alla. L-Ispirtu huwa u jgħaqqadna **permezz tal-fidi u tal-Magħmudija**, mal-Passjoni u l-Qawmien millimwiet ta' Kristu, jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu, għax **permezz tal-fidi u l-Magħmudija** jgħaqqadna mal-Passjoni u l-Qawmien mill-mewt ta' Kristu u l-Ispirtu jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu.

**Kummenti tiegħi**:

1. Issa, xi jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dwar il-**Fidi**? (Ara dawn u tkun tista' taf aktar dwar kemm huwa falz it-tagħlim tal-magħmudija tat-trabi: **1236, 1253, 804, 183, 977**).
2. Issa, xi jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika dwar il-**Magħmudija**: (Ara: **628, 1214, 1239, 1240, 1262, 184, 977**).
3. Issa xi jgħid il-Katekżmu tal-Knisja Kattolika dwar il-Qawmien mill-mewt ta' Kristu f'konnessjoni mal-Magħmudija? (Ara: **790**)

**Paġna 472:**

- **1992** – Il-ġustifikazzjoni *ġiet immeritata għalina bil-Passjoni ta' Kristu*, li offra lilu nnifsu fuq is-salib bħala vittma ħajja, qaddisa, li tgħoġob lil Alla; demmu sar strument ta' tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin kollha. Il-ġustifikazzjoni **tingħatalna permezz tal-Magħmudija, is-sagrament tal-fidi**….

Japplika dan għat-trabi jekk **il-magħmudija hija sagrament tal-fidi**? Tista' tarbija jkollha l-fidi? Ċertament li ma jista' jkun **hemm ebda fidi fit-trabi**? Wieġeb int? Kellek int **fidi** meta kont mgħammed jew mgħammda? Jekk le, allura dik il-magħmudija tiegħek mhix Skritturali! U jekk mhix Skritturali, allura int tisab f'sitwazzjoni perikoluża ħafna li tista' tintilef għal dejjem għaliex hemm biss magħmudija waħda "għall-maħfra tad-dnubiet" (ara **184**) Ara wkoll Efesin 4:5. Dan ifisser li l-uniku mod li bih int tista' tilbes 'il Kristu (791, Galatin 3:26-28) huwa mwarrab fil-ġenb minnek! Lest/a int li tit-għammed b'dan il-mod li hu ordnat mill-Mulej jew tippreferi l-mod li hu ordnat mill-bnedmin? Id-differenza hija sempliċi: ħajja ta' dejjem jew telfien ta' dejjem! L-għażla hija tiegħek, u tiegħek biss. Ebda parrinu ma jista' jiddeċiedi għalik jew iwieġeb għalik fil-ġudizzju! (Ara 2 Korintin 5:10).

## INDIEMA FIT-TESTMENT IL-ĠDID MINGĦAJR INDIEMA MA HEMMX MAĦFRA

Ara mill-ġdid jekk xi vers minn dawn l-Iskritturi japplikax għat-trabi!

2. **Mattew 3:6** – "*U jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan huma u JISTQARRU dnubiethom.*
3. **MATTEW 3:8** – "*Agħmlu mela frott xieraq ta' L-IMNDIEMA.*"
4. **Mattew 3:11** – "*Jiena, ngħid għalija, ngħammidkom fl-ilma għal L-INDIEMA.*"
5. **Luqa 13:3, 5** – "*Jekk ma TINDMUX, ilkoll tintilfu bħalhom…imma jekk ma TINDMUX, ilkoll tintilfu xorta waħda.*"
   a. Allura tarbija għax mhix kapaċi li TINDEM Alla se jikkastigaha!
   b. Il-bniedem, iva, jikkastigaha, imma Alla, le, jippremjaha għaliex m'għand-ha xejn minn xhix TINDEM!
6. **Luqa 24:47** – "*U li L-INDIEMA għall-maħfra tad-dnubiet TIXXANDAR.*"
7. **Atti 2:38** – "*INDMU, u jitgħammed kull wieħed minnkom.*"

8. **Atti 3:19** – "*INDMU, mela, U ERĠGĦU LURA minn dnubietkom biex jinħafrul-kom.*"
9. **Atti 11:21** – "*…iżda issa għarrafhom li kulħadd għandu JINDEM, hu fejn hu.*"
    a. Ċertament ħadd ma jifhem li l-kelma "KULĦADD" tinkludi fiha lit-trabi wkoll!
10. **Atti 19:18** – "Ħafna *minn dawk li EMM-NU bdew jersqu biex JISTQARRU u JXA-NDRU għemilhom.*"
11. **2 Timotju 2:25-26** – "*Iwiddeb bil-ħlewwa lil dawk li ma jaqblux miegħu; għandu mnejn Alla jagħtihom L-INDIEMA, u hekk JAGĦARFU L-VERITÀ u JIĠU F'SENSIHOM, u jeħilsu mix-xbiek tax-xitan li kien qadhom taħt idejh biex JAGĦ-MLU r-rieda tiegħu.*"

**Imkien** fl-Iskrittura Mqaddsa kollha ma nsibu xi eżempju WIEĦED BISS fejn xi trabi kienu mgħammda! Kull min kien mgħammed, dan l-ewwel EMMEN, NIDEM minn dnubietu, u mbagħad kien mgħammed għall-maħfra ta' *dnubietu* u mhux għad-dnub ta' Adam u Eva!

## IL-MAGĦMUDIJA FIT-TESTMENT IL-ĠDID DEJJEM TIĠI WARA L-FIDI

Ara wkoll jekk xi vers minn dawn l-Iskritturi japplikax għat-trabi!

1. **Mark 16:16** – "*MIN JEMMEN u JITGĦAMMED, ISALVA; iża MIN MA JEMMINX ikun ikkundannat.*"
2. **Luqa 7:29** – "*Meta SEMGĦU dan, il-poplu kollu, u sa l-istess pubblikani taw raġun lil Alla, billi TGĦAMMDU bil-magħmudija ta' Ġwanni.*"
3. **Ġwanni 4:1** – "*…Ġesù kien qiegħed jiġbor u jgħammed DIXXIPLI iżjed minn Ġwanni.*"
4. **Atti 2:37** – "*Dan il-kliem li SEMGĦU laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: 'l-Aħwa, x'għandna NAGĦMLU AĦNA?*"
5. **Atti 4:4** – "*Imma ħafna minn dawk li kienu SEMGĦU l-kelma EMMNU; u l-għadd tagħhom kien jilħaq mal-ħamest elef.*"
6. **Atti 5:14** – "*U dawk li kienu JEMMNU kienu miżjuda fil-Mulej, sew IRĠIEL u NISA.*"

   a. "Sew IRĠIEL u NISA" imma TRABI LE!
7. **Atti 6:7** – "*U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; il-għadd tad-DIXXIPLI*

*kien jiżdied ħafna f'Ġerusalem u kotra kbir ta' QASSISIN kienu jilqgħu l-FIDI.*"

8. **Atti 8:12-13** – "*Meta mbagħad EMMNU l-Bxara t-Tajba li Filippu kien IXANDRILHOM fuq is-Saltna ta' Alla u fuq l-Isem ta' Ġesù Kristu, TGĦAMMDU kemm IRĠIEL u kemm NISA. Xmun ukoll EMMEN U TGĦAMMED.*"
   a. "*Kemm IRĠIEL u kemm NISA.*" Għal darb' oħra, fejn huma T-TRABI!
   b. Possibbli f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet ma kien hemm EBDA TRABI JEW TFAL ŻGĦAR li tgħammdu?
9. **Atti 8:37** – "*Jekk int TEMMEN b'qalbek kollha, tista'. L-ewnuku wieġeb: 'Jiena NEMMEN li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla.*"
10. **Atti 10:47** – "*Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-MAGĦMUDIJA lil dawn in-nies li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll?*"
11. **Atti 11:21** – "*U id il-Mulej kienet magħhom, u kbir kien il-għadd ta' dawk li EMMNU U DARU lejn il-Mulej.*"
12. **Atti 15:5, 9** – "*…Biex minn fommi l-pagani JISIMGĦU l-kelma tal-Bxara t-Tajba u JEMMNU …U Alla ma għamel ebda*

*għażla bejnna u bejnhom, imma saffielhom QALBHOM BIL-FIDI.*"

13. **Atti 16:32-34** – "*U ĦABBRULU l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru…u feraħ man-nies kollha ta' daru talli kien EMMEN f'Alla.*"
14. **Atti 17:4** – "*Xi wħud minnhom EMMNU U SSIEĦBU miegħu (ma' Pawlu) u ma' Sila.*"
15. **Atti 18:8** – "*Krispu, il-kap tas-sinagoga, u l-familja tiegħu kollha EMMNU fil-Mulej; u ħafna mill-Korintin, li kienu JISIMGĦU lil Pawlu, EMMNU huma wkoll u TGĦAMMDU.*"
    a. F'din is-silta, għandna xi ħaġa li l-Kattoliċi Rumani jippruvaw biex jużawha bħala prova għall-magħmudija tat-trabi. Imma ħalli naraw dawn is-siltiet kollha fejn jintqal li l-familja KOLLHA tgħammdet u nħallu l-Kelma ta' Alla nfisha tikkonkludi hi.
    b. "*U L-FAMILJA TIEGĦU KOLLHA,*" jgħidulek huma, li dan ifisser li jekk kien hemm it-tfal dawn tgħammdu wkoll! Imma meta wieħed jaqra l-kumplament tal-versi dan iwaqqa' l-interpretazzjoni Kattolika Rumana!

c. "*U l-familja tiegħu kollha EMMNU fil-Mulej.*" Jista' xi ħadd jipprova li tarbija tat-twelid tista' "TEMMEN fil-Mulej"?
d. Naqraw li "*Pawlu ta ruħu kollu kemm hu GĦAX-XANDIR tal-kelma…*" Il-Mistoqsija hawn hija din: "Lil MIN Pawlu xandar il-Kelma? Lil ADULTI jew lit-TRABI?
e. Qagħad Pawlu jippriedka u jgħallem għal sena u sitt xhur LIT-TRABI?

16. **Mattew 28:19** – Ġesù qalilhom: "*Morru, mela, AGĦMLU DIXXIPLIi mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u GĦALLMUHOM IĦARSU DAK KOLLU LI ORDNAJTILKOM JIEN.*"
    a. Mistoqsija: tista' tarbija ssir dixxiplu u tħares dak kollu li għallem Ġesù?
    b. **Atti 6:7** – "*U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; il-għadd tad-DIX-XIPLI kien jiżdied ħafna f'Ġerusalem u kotra kbir ta' QASSISIN kienu jilqgħu l-FIDI.*"

17. **Mark 16:16** – "…*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. MIN JEMMEN U JITGĦAMMED isalva, MIN MA JEMMINX, ikun ikkundannat.*"

a. Skond Ġesù, MIN isalva? "Min jemmen u jitgħammed."
b. Skond Ġesù, MIN ikun ikkundannat? "Min ma jemminx."
c. It-trabi ma jistgħux jemmnu, allura ma jemmnux. Ifisser dan li huma kkundannati skond Ġesù? (Ara Luqa 18:13-17).

18. **Kornelju u l-famija tiegħu:**
**Atti 10:14** – "*…u hu **jgħidlek kliem** li bih issalva int u l-familja tiegħek kollha.*"
a. Mistoqsija: Tista' tarbija TIFHEM il-kliem li "hu jgħid?"
b. **Vers 33** – "*Għalhekk jien malajr bgħatt għalik; u int għamilt sewwa li ġejt. Issa aħna qegħdin hawn ILKOLL quddiem Alla, BIEX NISIMGĦU DAK KOLLU LI L-MULEJ IRIDEK TGĦIDILNA.*"
c. "*Biex nisimgħu*" mhux "biex nisma'." It-trabi, jekk kien hemm, jistgħu jisimgħu imma kull ma jisimgħu huma ħsejjes u ma JIFHMU xejn! Mela dan ma japplikax għat-trabi!
d. Kornelju u l-familja tiegħu salvaw "*bil-kliem*" li qalilhom Pietru u mhux kif xi denominazzjonijiet jippruvaw igħallmu li huma salvaw qabel ma kienu tgħamdu! Jekk xi ħadd irid ikun jaf x'kien

dak il-kliem dan għandu jmur f'Atti 2: 36-38. Żgur li l-istess kliem qal Pietru!

e. **Vers 43** – "*Il-profeti kollha jixhdu għalih (għal Ġesù) u jgħidu li KULL MIN JEMMEN FIH jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu.*" Tista' tarbija tkun fost il-KULL MIN JEMMEN?

f. **Atti 2:38** – "*U Pietru weġibhom: 'Indmu u jitgħammed KULL WIEĦED MINNKOM fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom;…*" "Kull wieħed minnkom." Japplika dan għat-trabi wkoll?

g. Jekk "il-familja," skond it-tagħlim Kattoliku Ruman, tinkludi fiha t-trabi wkoll, allura "*kull wiehed minnkom*" għandu wkoll jinkludi lit-trabi! Imma jistgħu t-trabi jagħmlu dak li qal Pietru biex jagħmlu, jiġifieri, biex JINDMU?

19. **Lidja u l-familja tagħha:**

**Atti 16:13** – "*…Meta wasal is-Sibt, ħriġna barra l-bieb tal-belt, lejn xatt ix-xmara, fejn dehrilna li kien hemm dar tat-talb. Qgħadna bilqiegħda, u bdejna NKELLMU lin-nisa li kien hemm miġbura flimkien… Lidja…il-Mulej fetħilha qalbha BIEX*

*TIFHEM dak li kien jgħid Pawlu. Wara li tgħammdet hi u l-familja tagħha…*"

a. Mistoqsija: Lil MIN kellmu Pawlu u Barnaba, lil nies **adulti** jew lit-**trabi**?
b. Għaliex Lidja u l-familja tagħha tgħammdu? It-tweġiba hija: Għaliex huma FEHMU dak li Pawlu u Barnaba qalulhom! Trabi dan ma jistgħux jagħmluh, huma ma jistgħux JIFHMU!
c. **Versi 30-33** – "*Dawn l-irġiel huma qaddejja ta' Alla l-Għoli, li JXANDRU-LKOM it-triq tas-salvazzjoni.*"
d. Mistoqsija: Lil MIN xandru t-triq tas-salvazzjoni, lil **adulti** jew lit-**trabi**?

20. **L-Għassies u l-familja tiegħu:**

**Atti 16:30-33** – "*Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: 'Sinjuri, X'GĦANDI NAGĦMEL biex insalva? Huma weġbuh: 'EMMEN fil-Mulej Ġesù u ssalva int u l-familja tiegħek. U ĦABBRULU l-kelma tal-Mulej, LILU, U LIL DAWK KOLLHA LI KIENU F'DARU. Dak il-ħin stess, bil-lejl, il-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi, u bla telf ta' żmien* ***tgħammdu hu u niesu kollha****.*"

a. Mistoqsija: Tista' tarbija TEMMEN?

b. Tista' TĦABBAR lil tarbija?
c. "*U lil dawk KOLLHA LI KIENU F'DARU tista' tapplika dan li jfisser għat-trabi wkoll? Ċertament li LE!*
d. "*Tgħammdu hu* ***u niesu kollha****.*" Tifhem int li hawn tgħammdu t-trabi wkoll jew **dawk biss li lihom ħabbrulhom u EMMNU!**"
e. Dawn l-eżempji kollha tal-konverżjoni juru biċ-ċar li dawk kollha li EMMNU U NIDMU minn dnubiethom kienu kkwalifikati għall-magħmudija u l-ebda trabi ma jintqal li tgħammdu!

21. **Ġwanni 1:12** – "*Imma lil dawk li LAQGĦUH tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li JEMMNU f'ismu*"
    a. Jistgħu t-trabi "JILQGĦUH" U "JEMMNU"?
    b. Imma KIF dawk *saru* WLIED ALLA?
22. **Galatin 3:26-27** – "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, PERMEZZ TAL-FIDI fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ILBISTU 'l Kristu.*"
    a. Huma saru wlied Alla permezz tal-FIDI u tal-magħmudija. It-trabi m'għandhom ebda fidi!

23. **Efesin 4:5** – "*Mulej wieħed, FIDI waħda, MAGĦMUDIJA waħda.*"
    a. Liema hija l-magħmudija WAĦDA, *tib-xix* jew *immersjoni fl-ilma*?
24. **Kolossin 2:12** – "*Indfintu miegħu bil-MAGĦMUDIJA u bih irxuxtajtu permezz tal-FIDI tagħkom fil-qawwa ta' Alla.*"
25. **1 Pietru 2:21** – "*Dak li jitqabbel miegħu u li issa jsalvakom hi MAGĦMUDIJA… TALBA TA' KUXJENZA tajba lil Alla.*"

Minn dawn l-Iskrittura kollha wieħed jista' jara u jifhem bl-aktar mod ċar kemm hu żbaljat it-tagħim Kattoliku dwar il-magħmudija tat-trabi!

## JEKK LI TRAXXAX L-ILMA FUQ IR-RAS TA' TARBIJA HUWA MAGĦMUDIJA, MELA KIF GĦANDHA TINQARA L-BIBBJA?

Ħalli issa naraw xi siltiet Skritturali u kull fejn insibu l-kelma "magħmudija," inpoġġu l-kelma *traxxax* u ara jekk tagħmilx xi sens:

1. **Mattew 3:16** – "*Ġesù, wara li **traxxax** (tgħammed), minnufih tela' mill-ilma…*"
2. **Mark 16:16** – "*Min jemmen u **jittraxxax** (jitgħammed) isalva.*"

3. **Luqa 3:3** – "*U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar* ***it-traxxix*** *(magħmudija) ta' l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet.*"
4. **Ġwanni 3:23** – "*Ġwanni wkoll kien qiegħed* ***iraxxax*** *(igħammed) f'Għajnun, qrib Salim, għax f'dik in-naħa kien hemm ħafna ilma.*"
5. **Ġwanni 4:1** – "*Ġesù kien qiegħed jiġbor u* ***jraxxax*** *(jgħammed) dixxipli iżjed minn Ġwanni.*"
6. **Atti 2:38** – "*Indmu, u* ***jittraxxax*** *(jitgħam-med) kull wieħed minnkom…*"
7. **Atti 8:36** – "*Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma* ***nittraxxax*** *(nitgħammed)?*"
8. **Atti 10:47** – "*Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma* ***tat-traxxix*** *(tal-magħmudija) lil dawn in-nies…?*"
9. **Atti 22:16** – "*U issa x'int tistenna? Qum!* ***Traxxax*** *(tgħammed) u nħasel minn dnub-ietek…*"
10. **Rumani 6:3-4** – "*Ma tafux li aħna li* ***tra-xxaxna*** *(tgħammidna) fi Kristu,* ***traxxaxna*** *(tgħammidna) fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz* ***tat-traxxix*** *(tal-magħmudija)…?*

11. **1 Korintin 10:2** – "*Ilkoll kienu* ***mraxxa*** *(mgħammda) f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar*"
12. **Efesin 4:5** – "*Mulej wieħed, fidi waħda,* ***traxxix wieħed*** *(magħmudija waħda).*"
13. **1 Pietru 3:21** – "*Dan l-ilma kien ifisser* ***it-traxxix*** *(il-magħmudija), li issa ssalvana.*"

It-teologi Kattoliċi Rumani qabdu u biddlu dak li deherilhom li mhuwiex skond il-fehmiet tagħhom u b'hekk ġabu l-Kelma ta' Alla fix-xejn.

## JEKK IL-MAGĦMUDIJA HIJA TIBXIX (TRAXXIX TA' L-ILMA) U LI TFERRAGĦ L-ILMA, KIF GĦANDHA TINQARA L-BIBBJA?

Biex inkunu rajna kollox, ħalli issa naraw xi siltiet Skritturali u kull fejn insibu l-kliem "igħammed," "għammed," "mgħammda," eċċ., inpoġġu l-kelma li għandha x'taqsam mat-*traxxix* ta' l-ilma u ara jekk tagħmilx xi sens:

1. **Levitku 14:51** – "*…u* ***jgħammed*** *(jroxx) id-dar seba' darbiet.*"
2. **Lhud 9:19** – "*…****għammed*** *(raxx) l-istess ktieb …*"
3. **1 Pietru 1:2** – "*…biex joqogħdu għall-kelma ta' Ġesù Kristu u jkunu* ***mgħammda*** *(mraxxin) b'demmu…*"

4. **Mattew 26:7** – "*…u **għammditu** (ferrgħetulu) fuq rasu…*"
5. **Apokalissi 16:2** – "*U l-ewwel wieħed mar u **għammed** (ferragħ) il-bieqja tiegħu fuq l-art…*"

Kif, mela, jista' xi ħadd jemmen illi li *traxxax* ftit qtar ta' l-ilma jew li *tferragħ* ftit ilma fuq ir-ras ta' tarbija huwa li *tgħammed*? Billi li *tgħammed* huwa xi ħaġa magħmula—att imwettaq, jekk "traxxix" jew li "tferragħ" jew "immersjoni," bħala atti distinti, huma kollha li "tgħammed," allura aħna għandna tliet atti distinti li huma egwali għall-istess ħaġa—jew l-istess att—tgħammed.

"Traxxix" mhuwiex li "tferragħ," lanqas li "tferragħ" ma huwa "traxxix," u l-ebda wieħed minn dawn l-atti ma huwa ekwivalenti għall-att "immersjoni," jiġifieri, li "tgħaddas" fl-ilma. Jekk l-att li "traxxax" huwa egwali għall-att li "tgħammed," u l-att li "tferragħ" huwa differenti mill-att li "traxxax," jista' l-att li "tferragħ" ikun egwali għall-att li "tgħammed?" Billi l-att li "tgħaddas" (immersjoni) huwa diffferenti kemm mill-att li "traxxax" kif ukoll mill-att li "tferragħ," mhuwiex l-att li "tgħaddas" egwali ma' l-att li "tgħammed" ukoll?

Jekk "immersjoni" hija magħmudija, mill-Grieg *baptizo*, u **kulħadd jgħid li hekk hu**; ladarba "tbexxix" jew li "tferragħ" l-ilma fuq persuna, huma differenti mill-att li "tgħaddas," kif fl-isem tar-raġuni jista' xi ħadd isejħilha bl-istess isem? "Immersjoni" hija magħmudija; imma "tbexxix" jew li "tferragħ" l-ilma fuq ras ta' xi persuna huma **differenti** mill-att li "tgħaddas" (immersjoni) u għalhekk **ma jistgħux** ikunu l-istess ħaġa! **Magħmudija hija biss immersjoni u xejn aktar!** Jekk inti Kattoliku Ruman u għad għandek xi diffikultà dwar it-tifsira tal-kelma oriġinali "magħmudija" ara l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana xi jgħid dwar dan:

**Paġna 305**

- **1214** – Is-sagrament jissejjaħ *Magħmudija* miċ-ċerimonja ċentrali tar-rit li bih iseħħ: tgħammed ("baptizein" bil-Grieg, "baptizare" bil-Latin) tfisser "tgħaddas", "**iddaħħal fl-ilma**"; "**tgħaddas**" **fl-ilma** hu simbolu tad-dfin fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma **joħroġ** permezz tal-qawmien ma' Kristu (*ara Rum. 6:3-4; Kol. 2:12*) bħala "ħolqien ġdid" (*2 Kor. 5:17; Gal. 6:15*).

Issa aqra Atti 5:19 mill-Bibbja tiegħek u ddeċiedi int għalik innifsek lil min se tobdi!

## "DBUB ORIĠINALI"
## U PASSAĠĠ APPLIKAT ĦAŻIN

---

Id-dottrina tad-dnub oriġinali – il-fehma li wieħed jitwieled f'din id-dinja ereditarjament imħassar għal kollox – hija emmnuta minn ħafna fid-dinja reliġjuża.

Bħala eżempju, l-**Augsburg Confession of Faith** (1530), il-kredu Luterjan, iddikjara li:

"…il-bnedmin kollha, imwielda skond in-natura, huma mwielda bid-dnub, jiġifieri, mingħajr il-biża' ta' Alla, mingħajr kunfidenza lejn Alla u b'konkupixxenza (xewqa kbira), u li din il-marda oriġinali jew difett hija verament dnub, iġġib kundanna u wkoll mewta eterna lil dawk li mhumiex imwieled mill-ġdid permezz tal-magħmudija u l-Ispirtu s-Santu" (Artiklu II).

Dan, naturalment, jispjega l-prattika tal-magħmudija tat-trabi kif iddefenduta minn numru ta' reliġjonijiet.

Probabbilment, il-passaġġ li b'mod komuni l-aktar li jappella għal dan f'attentat biex jiġġus-

tifika l-konċett tad-dnub oriġinali huwa Salm 51:5. (Fil-verżjoni Kattolika dan hu vers 7).

"*Ara, jiena ssawart fil-ħtija, u fid-dnub nisslitni ommi.*" (verżjoni Għ. B. M.)

Jipprovdi dan il-vers bażi għad-dottrina tad-dnub oriġinali? Ċertament, li le. Imma ħalli aħna nistudjaw din il-ħaġa bil-għaqal.

**Prinċipji Preliminari**

L-ewwel fost kollox, għandu jkun inizjalment magħruf li dan il-passaġġ huwa poeżija Ebraj-ka. U poeżija Ebrajka hija mimlija b'figuri qawwija u immaġinattivi rettoriċi; spiss hija kkaratterizzata b'libertà, li titbiegħed minn for-om ta' espressjoni tas-soltu. Huwa, għalhekk, żball ta' kobor immens li toħroġ stqarrijiet minn letteratura poetika u mbagħad tapplika-hom bħala pedament għal skemi dottrinali.

Dan hu preċiżament l-iżball tal-materjalisti (Xhieda ta' Jeħovah, Ta' Armstrong, Knisja Kattolika Rumana, u oħrajn) li jgħoddsu fil-kotba poetiċi tat-Testment il-Qadim, bħas-Salmi u Ġob għad-dottrini tagħhom ta' "irqad tar-ruħ" u "l-qerda totali tal-ħżiena."

It-tieni, waħda mir-regoli primarji ta' interp-retazzjoni Biblika tissuġġerixxi li: "Il-lingwa

ta' l-Iskrittura tista' tkun meqjusa bħala figurattiva, jekk l-interpretazzjoni letterali tikkawża passaġġ wieħed biex jikkontradixxi ieħor" (D. R. Dungan, **Hermeneutics,** p. 196).

Hemm numru mhux ħażin ta' versi tal-Bibbja, li jinsabu f'lingwa ċara letterali, li jaffe-rmaw l-innoċenza tat-trabi, u Salm 51:5 m'għa-ndux ikun imqiegħed kontra dawn.

Ħallli nikkonsidraw xi wħud minn dawn il-versi:

1. L-Iskrittura tgħallem ċar ħafna lid-dnub ma jintiritx. "*...l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru . . .*" (Eżekjel 18: 20); kull persuna hija responsabbli għal kon-dotta tagħha stess. Naqraw f'Rumani 14:12 – "*Għalhekk kull wieħed minna għad jagħti kont tiegħu nnifsu lil Alla.*"

2. Id-dnub uman jibda f'dak il-perjodu tal-ħajja ta' dak li jkun li huwa kkaratterizzat bħala "żgħożija" Naqarw f'Ġenesi 8:21 – "*U l-Mulej xamm ir-riħa ħelwa u għoġbitu; u l-Mulej qal f'qalbu: "Ma nerġax iżjed nisħet l-art minħabba l-bniedem, għax qalb il-bniedem miġbuda għall-ħażen* ***sa minn żgħożitu*** *(ċkunitu)...*" U Ġeremija 3:25 – "*Ħa nimteddu fil-għajb tagħna, u*

*ninksew bil-mistħija, għax dnib-na kontra l-Mulej Alla tagħna, aħna u missirijietna, **sa minn żgħożitna** sa llum.*"

3. Tifel jew tifla għandhom jilħqu ċertu livell ta' maturità qabel ma jkun jista', hu jew hi jkun kapaċi li jagħżel bejn il-ħażin u t-tajjeb. Naqraw f'Isaija 7:15, 16 – "*Baqta u għasel jiekol, meta jasal biex jagħraf iwarrab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb. [16]Għaliex qabel ma **t-tifel jagħraf iwar-rab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb**, titħarbat l-art, li quddiem is-slaten tagħha inti mbażża'.*"

4. Il-kwalitajiet tat-tfal iż-żgħar huma mqiegħda 'l quddiem bħala mudelli għal dawk li jaspiraw biex jidħlu fis-saltna. Naqraw f'Mattew 18:3 – "*U qalilhom, "Tassew ngħidilkom, li jekk **intom** ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma **tidħlux fis-saltna** tas-smewwiet.*" U f'Mattew 19: 14 – "*U Ġesù qalihom: Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u la żżommuhomnx, għax **ta' min hu bħalhom** hija s-saltna tas-Smewwiet*" (Ara wkoll Luqa 18:15-17). U għal dawk li huma diġa' fil-knisja, Pawlu jgħid: "*Imma fil-ġemgħa tal-knisja aktar irrid ħames kelmiet b'moħħi **li jinftiehmu***

***biex ngħallem lill-oħrajn**, milli għaxart elef bl-ilsna.*" (1 Korintin 14:20). Żgur li l-Mulej ma kienx qiegħed jissuġġerixxi li aħna nimitaw midinbin żgħar, korroti għal-kollox!

5. L-ispirtu uman ma jinteritx mill-ġenituri ta' dak li jkun; pjuttost, huwa mogħti minn Alla. Naqraw f'Ekkleżjasti 12:7 – "*U t-trab jerġa' jmur fl-art mnejn ġie, u l-ispirtu jit-laq lejn Alla, minn fejn ġie.*" Ukoll naqraw f'Lhud 12:9 – "*Barra minn dan, aħna kell-na wkoll missirijietna ta' l-art; kienu jwidd-buna, u aħna konna nweġġħuhom. Mela kemm aktar għandna noqogħdu taħt il-Missier tas-sema, biex ikollna l-ħajja.*" Luqa jgħid hekk f'Atti 17:28-29 – "*Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna; u, kif qalu xi wħud mill-poeti tagħkom, '**Aħna tassew nisel tiegħu**.' Mela ladarba **aħna nisel ta' Alla**, ma għandniex naħsbu lid-divinità tix-bah lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem.*" Għalhekk fit-twelid għandu jkun safi daqs is-sors minn fejn dan ġie.

Biċ-ċar, it-trabi ma jitweldux fid-dnub.

**Salm 51:5 Analizzat**

Wara li rajna *x'ma jistax* ifisser Salm 51:5, issa aħna nduru għal xi veduti possibbli tal-passaġġ li ma jagħmlux vjolenza porzjonijiet ta' Skrittura xi mkien ieħor.

1. Billi Salm 51 huwa wieħed mis-salmi penitenti ta' David jirrivela d-diqa ta' qalb li rriżultat mill-kondotta adultera tiegħu ma' Batseba, xi wħud ħassew li vers 5 fih kliem li huma *figurattivimanet* imqiegħda fil-ħalq tat-tifel ikkonċeput minn dik l-għaqda illeċita (2 Samwel 11:5), b'hekk jammetti l-ħażen ta' dik ir-relazzjoni. Id-dnub għalhekk huwa attribwit għall-ġenitur u mhux għat-tarbija.

   T. W. Brents ikkumenta:

   "Tkun xi tkun it-tifsira ta' dan il-passaġġ, din *ma tistax tkun akkuża ta' ħtija għat-tarbija*. 'Fid-dnub nisslitni *ommi*:' jiġifieri, "hi aġixxiet b'mod ħażin meta jien kont imnissel. Kieku l-mara kellha tgħid, "Fis-*sokor* żewġi sawwatni,' jew it-tifel li '*fir-rabja* missieri sawwatni,' żgur li ħadd ma jattribwixxi s-sokor għall-mara jew ir-rabja għat-tifel; lanqas ma huma jistgħu jixħtu r-responsabbiltà tad-dnub ta' l-omm għat-

tifel" (**The Gospel Plan of Salvation,** pp. 133, 134).

2. Oħrajn issuġġerew li David jalludi għal inċident fil-linja ta' l-antenati tiegħu, affari adultera (Ġenesi 38), li b'dan huwa kien ikkonsidrat *ċerimonjalment* imniġġes għaliex hu kien ta' l-għaxar ġenerazzjoni ta' dik l-għaqda illegali (Dewteronomju 23:2). Din hija possibbiltà probabbli pjuttost rimota.
3. L-aktar probabbli, iżda, Salm 51:5 sempliċiment jirreferi għall-fatt li David *kien imwieled f'amjent midneb*. Aħna lkoll imnissla f'dinja, u miġjuba 'l quddiem f'dinja midinba. Imma aħna attwalment ma nidinbux sakemm naslu fi stadju ta' responsabbiltità spiritwali.

Forsi David ukoll, permezz ta' l-użu ta' lingwa dramattika, jalludi għall-fatt liddnub kien ikkaratterizza l-ħajja tiegħu kollha, *jitkellem relattivament*.

F'sezzjoni poetika simili, per eżempju, Ġob, f'li jiċħad li hu kien ittraskura r-responsabbiltajiet tajba tiegħu, afferma li hu kien ħa ħsieb ta' l-orfni u l-armla sa mill-*ġuf ta' ommu*. Żgur, li ħadd ma jem-

men li fil-jum ta' l-eżistenza ta' Ġob li hu kien qiegħed barra jamministra għall-fqar! Fil-fatt, il-paralleliżmu Ebrajk ta' dan il-vers (Ġob 31:18), jindika biċ-ċar li l-kelma "ġuf" hija wżata fis-sens ta' "żgħożija.)

**Problema li Tikkonkludi**

Dawk li japplikaw Salm 51:5 biex jimbuttaw id-dottrina li wieħed jiret id-dnub minn ommu huma ffaċċjati bi problema serja ħafna. Ġesù kien kemm ikkonċeput u miġjub 'il quddiem minn omm umana (Luqa 1:31). Jekk id-dnub oriġinali jintiret mill-omm, Kristu kellu dan. Jekk, iżda, xi ħadd jissuġġerixxi lit-taħsir mora-li wieħed jirċevih biss mill-missier, Salm 51:5 ma jistax ikun użat biex jipprova dan, għaliex dan isemmi biss lil *omm*!

Il-verità ta' din il-ħaġa hija, id-dottrina tad-dnub oriġinali mhijiex biblika. Din għandha l-oriġini tagħha fil-kitba ta' l-hekk imsejħa "mis-sirijiet tal-knisja" fiż-żmien ta' wara l-appostli. Irġiel bħal Tertullian (160-220) u Cyprian (200-258) l-ewwel ifformulaw id-dottrina u wara din kienet ippopolarizzata minn Augustine u John Calvin.

Dawk li jaċċettaw ix-xhieda ċara ta' l-Iskrittura Mqaddsa għandhom jirriġettaw dan l-iżball.

Issa wara li rajna dan kollu, ħalli naraw x'tgħid l-Iskrittura Mqaddsa dwar kif il-bnedmin se jkunu ġġudikati u fuq xhiex se jkunu ġġudikati, u wieħed għandu jipprova jara jekk dak li jintqal fl-Iskritturi kkwotati taħt jekk xi waħda minnhom tistax tkun applikata għat-trabi. Dawn għandhom ikunu prova ċara biżżejjed biex juru kemm huwa tagħlim żbaljat dak it-tagħlim dwar id-dnub oriġinali, jiġifieri, li tarbija tit-wieled bid-dnub, imħassra, b'natura mħassra u għalhekk jekk hija tmut fit-twelid din tintilef!

## IL-ĠUDIZZJU

## Kif Persuna Se Tkun Iġġudikata?

Huma t-trabi mwielda f'din id-dinja mħassra għalkollox, jew bid-dnub imsejjaħ "dnub oriġinali"? It-tweġiba hija, **LE!** Wara li tkun qrajt l-Iskrittura kkwotati taħt, iddeċiedi għalik innifsek jekk id-dottrina tad-dnub oriġinali u d-dottrina li tarbija hija mwielda f'din id-dinja mħassra għalkollox humiex tassew jew foloz. Ipprova applika l-Iskrittura kkwotati taħt għat-trabi u ara jekk jirnexxilekx tagħmel dan. Żomm dejjem il-Bibbja tiegħek f'idejk.

**<u>Mark 7:20-23</u>** – "*Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem. Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena: żina, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, bluha. Dal-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem.*"

**<u>Ġakbu 1:14-15</u>** – "*Għax kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar mill-passjoni **tiegħu stess**. Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub; u d-dnub, meta jilħaq il-milja tiegħu, iġib il-mewt.*"

- Il-passjoni ma tistax teżisti mingħajr **ħajra personali** u tarbija ma jista' jkollha ebda ħajra ta' din ix-xorta!

- Jekk il-passjonijiet mhumiex tiegħi, allura d-dnub mhuwiex tiegħi, u l-ħtija mhix tiegħi, u r-ruħ tiegħi ma tistax tkun ħatja minħabba passjoniiet li mhumiex tiegħi!

1. **<u>Ekkleżjasti 12:13-14</u>** – "*Il-konklużjoni, wara li kollox instama', hi: **Ibża' minn Alla, u ħares il-kmandamenti tiegħu**: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem. Għax Alla jagħmel ħaqq minn **kulma <u>jsir</u>**, minn kull ħaġa moħbija, sew tajba, u sew ħażina.*"

2. <u>**Ġeremija 17:10**</u> – "*Jien il-Mulej, infittex fil-qalb, u ngħarbel il-moħħ, biex nagħti lil kulħadd* ***skond triqatu****, u* ***skond il-frott ta' <u>egħmilu</u>****.*"
3. <u>**Dewteronomju 24:16**</u> – "*M'għandekx tagħti l-mewt lill-missirijiet minħabba wlie-dhom, jew lill-ulied minħabba missiri-jiethom. Agħti l-mewt lil kulħadd* ***għal dnubu.***"
4. <u>**Ġob 19:4**</u> – "*U jekk tassew li jien żbaljajt,* ***l-iżball tiegħi jibqa' miegħi nnifsi****.*"
5. <u>**Proverbji 9:12**</u> – "*Jekk int għaref, lilek jiswa, jekk int insolenti,* ***int biss*** *tbati.*"
6. <u>**Ġeremija 31:29-30**</u> – "*F'dawk il-jiem ma jgħidux iżjed: 'il-missiri-jiet kielu l-għeneb qares, u ddarrsu snien l-ulied.' Iżda* ***kull wieħed imut għal dnubu****; kull min jiekol l-għeneb qares, jiddarrsu snienu.*"
7. <u>**Eżekjel 18:1-4, 20**</u>– "*Il-Kelma tal-Mulej reġgħet ġiet għandi, tgħid: 'Xi tridu tgħidu b'dal-qawl dwar art Iżrael, billi tgħidu: Il-missirijiet kielu għeneb qares, u snien it-tfal iddarrsu? Daqskemm jien ħaj, igħid Sidi l-Mulej, intom ma jkollkomx okkaż-joni li tgħidu iżjed dal-qawl f'Iżrael. Ara, l-erwieħ huma kollha tiegħi; bħal ruħ il-*

*missier, hekk ukoll ruħ l-iben hija tiegħi:* ***ir-ruħ li tidneb tmut.***" ([Għ. B. M.] – "*Min* ***jagħmel*** *id-dnub,* **hu** *jmut…*[20]*Ir-ruħ li tidneb tmut, L-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

8. **Mattew 12:36-37** – "*U ngħidilkom li l-bnedmin f'jum il-ħaqq għad iridu jagħtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu, għax minn kliemek tkun iġġustifikat,* ***u min kliemek tkun ikkundannat.***"
9. **Mattew 16:27** – "*Għax bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed* ***skond ma wieħed ikun għamel***" (u mhux skond ma għamlu Adam u Eva!)
10. **Mattew 18:23** – "Għalhekk is-saltna tas-smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu." (Il-parabbola tal-qaddej li ma ħafirx).
11. **Mattew 25:31-46** – "*Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha*

*miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż; in-ngħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ej-jew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja...*[40-41]*U s-Sultan iwe-ġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma* ***għamiltu*** *ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti,* ***għamiltuh*** *miegħi.' Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għal l-anġli sħabu…Iweġibhom imbagħad u jgħidil-hom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma* ***għa-miltux*** *ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma* ***għamiltuh****. U dawn imor-ru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."*

12. **Ġwanni 5:26-29** – *"Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu,* ***u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq****, għax hu Bin il-bniedem.* ***Tistagħġbux***

***b'dan***: *tiġi siegħa meta dawk* ***kollha*** *li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu* ***għamlu t-tajjeb*** *iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu* ***għamlu l-ħażin*** *iqumu għall-kundanna.*"

13. **Ġwanni 8:34** – "*…Kull min* ***jagħmel*** *id-dnub huwa lsir tad-dnub*" (xi dnub għamlet tarbija biex tkun ilsiera tiegħu?)
14. **1 Ġwanni 3:4** – "*Kull min* ***jagħmel*** *id-dnub jikser ukoll il-liġi; għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi.*" (Mhux kull min "jiret" id-dnub!)
15. **Ġakbu 4:17** – "***Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu*** *jagħmel* ***u ma*** *jagħmlux****,*** *jagħmel* ***dnub****.*"
16. **Rumani 14:12** – "*Għalhekk* ***kull wieħed minna*** *għad jagħti kont* ***tiegħu nnifsu*** *lil Alla.*" (jew ***tiegħu nnifsu*** jew ta' Adam u Eva!)
17. **2 Korintin 5:10** – "*Kull wieħed jieħu* ***skond*** *it-tajjeb jew il-ħażin* ***li jkun għamel*** *meta kien għadu ħaj fil-ġisem.*" (mhux skond ma għamlu Adam u Eva).
18. **Apokalissi 20:13** – "*…u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu* ***fuq l-egħmejjel tiegħu***" (mhux fuq l-għemil ta' Adam u Eva).

19. **<u>Galatin 6:7</u>** – "*Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd.* ***Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad***" (Huwa d-dnub ivvintat mill-bnedmin imsejjaħ 'dnub tan-nisel' miżrugħ mit-tarbija? Jekk le, mela hija ma tistax taħsdu!)

20. **<u>Apokalissi 20:12-14</u>** – "*U l-mejtin sar ħaqq minnhom* ***fuq l-<u>egħ-mejjel</u> tagħhom*** *skond ma kienu mniżżla fil-kotba…u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu* ***skond <u>l-egħmejjel</u> tiegħu***"

   - Mhux skond l-egħmejjel ta' Adam u Eva! "*Skond ma kienu mniżżla fil-kotba*" tal-Mulej u mhux skond ma jgħidu l-kotba tal-bnedmin, jiġifieri, li tarbija titwieled bid-dnub tan-nisel jew imħassra!
   - Kemm hu differenti kliem il-Mulej mill-kliem tal-bnedmin!

21. **<u>Apokalissi 22:12</u>** – "*Ara, jiena ġej dal-waqt, u miegħi nġib il-ħlas ħalli rrodd lil kull wieħed skond ma ħaqqu* ***għal <u>għemilu</u>***" (u mhux għal għemil Adam u Eva!)

22. **<u>Apokalissi 22:15</u>** – "*Jibqgħu barra l-klieb u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, l-idolatri*

*u dawk kollha li jħobbnu l-qerq u* ***jagħ-mluh****.*"

"*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu* ***jagħmel*** *u ma* ***jagħmlux****,* ***jagħmel*** *dnub*" (Ġakbu 4:17).

## KONKLUŻJONI

Naturalment, it-trabi huma esklużi mill-magħmudija minħabba dawk il-kondizzjonijiet ta' qabel li huma ma JISTGĦUX JAGĦM-LUHOM. Dan ma jfissirx li huma mħollija mingħajr ebda tama, għaliex huma għandhom l-istess sigurtà ta' dawk fis-Saltna tas-Smewwiet (Mattew 19:13-34; Mark 10:13-16 Luqa 18:15-17). Huma m'għandhom EBDA dnub, li ntiret jew xi ħaġa oħra, u għalhekk huma m'għand-homx bżonn il-magħmudija li hija "GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET" (Atti 2:38).

Il-Kelma ta' Alla twissina:

"*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll għandna din it-twissija:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ* ***skond dak li ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu***" (Kolossin 2:8).

Il-magħmudija tat-trabi mhix skond il-Kelma ta' Alla iżda hija SKOND DAK LI ĠEJ MILL-BNEDMIN, hija skond IL-PRINĊIPJI TAD-DINJA għalhekk meta aħna naċċettawha nkunu qegħdin INĦALLU MIN IQARRAQ BINA u jekk nagħmlu dan il-Mulej jgħidilna li "TINŻEL IL-KORLA T'ALLA FUQNA!" Trid int li jkollok il-korla ta' Alla fuqek?

Jekk inti kont mgħammed (?) permezz ta' ftit qtar ta' ilma mbexxex fuq rasek jew xi ftit ilma kien imferragħ fuq rasek meta int kont għadek tarbija ta' ftit jiem, aħna nistednuk biex tagħmel dak LI JRIDEK LI TAGĦMEL IL-MULEJ u mhux il-bnedmin billi ssir Kristjan tat-Test-ment il-Ġdid billi titgħammed, tkun mgħaddas (midfun) Miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija. (Rumani 6:4; Kolossin 2:12;) u b'hekk tilbes 'il Kristu (Galatin 3:27). Id-deċiżjoni hija tiegħek u tiegħek biss.

L-appostlu Ġwanni jgħid dwar l-iskop ta' dak li huwa **miktub** fl-Iskrittura Mqaddsa:

> “*Dan* ***ktibtu*** *lilkom, li temmnu fl-isem ta’ l-Iben ta’ Alla* ***biex tkunu tafu*** *li intom għandkom il-ħajja ta’ dejjem*” (1 Ġwanni 5:13).

L-Ispirtu s-Santu jwissina, permezz ta’ l-appostlu ispirat Ġwanni fejn jgħidilna:

> “*Għeżież, mhux lil kull xorta ta’ spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejja minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja*” (1 Ġwanni 4:1, 2).

Dan wieħed jista’ jagħmlu biss billi: “*jqalleb fl-Iskrittura biex jara jekk dak li jisma’ jkunx minnu jew le*” (Atti 17:11).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:


Knisja Ta’ Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**

jew: **www.churchofchristmalta.com**